

**Brussell, 30 ta' Ottubru 2023
(OR. en)**

14833/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0379 (COD)**

**EF 322
ECOFIN 1106
CODEC 2003**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 660 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward tal-ambitu tar-regoli għall-parametri referenzjarji, l-użu fl-Unjoni ta' parametri referenzjarji pprovduti minn amministratur li jinsab f'pajjiż terz, u ċerti rekwiżiti ta' rapportar

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 660 final.

Mehmuż: COM(2023) 660 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.10.2023
COM(2023) 660 final

2023/0379 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward tal-ambitu tar-regoli għall-parametri referenzjarji, l-użu fl-Unjoni ta' parametri referenzjarji pprovduti minn amministratori li jinsab f'pajjiż terz, u ċerti rekwiżiti ta' rapportar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-proposta hija parti minn pakkett ta' miżuri biex jiġu rrazzjonalizzati r-rekwiżiti ta' rapportar. Hija għandha l-għan li tirrazzjonalizza l-awtorizzazzjoni u r-reġistrazzjoni u ttaffi l-piż fuq il-kumpaniji tal-UE, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs", jiġifieri amministraturi ta' parametri referenzjarji iżgħar u utenti ta' parametri referenzjarji). Il-qafas regolatorju li japplika għal dawn il-kumpaniji għandu livelli differenti. Japplikaw regoli u rekwiżiti ta' rapportar differenti skont it-tip ta' parametru referenzjarju li jipprovdu. Ir-Regolament (UE) 2016/1011 ("ir-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji" jew "il-BMR") għandu l-għan li jindirizza t-tħassib dwar l-akkuratezza u l-integrità tal-parametri referenzjarji irrispettivament mid-daqs u min-natura sistemika ta' tali parametri referenzjarji. Il-mistoqsija hija jekk xi wħud mir-rekwiżiti tal-BMR humiex proporzjonati, speċjalment għall-amministraturi li joffru parametri referenzjarji li l-valur ta' referenza tagħhom fi strumenti, kuntratti jew fondi huwa baxx jew li jipprovdu indiċijiet biss lil għadd limitat ta' utenti ta' parametri referenzjarji f'konformità ma' kuntratti bilaterali (indiċijiet personalizzati). Il-parteċipanti fis-suq talbu li jiġi rivedut il-qafas tal-BMR u li r-rekwiżiti regolatorji jsiru dipendenti mir-rilevanza sistemika ta' parametru referenzjarju jew mis-sinifikat tar-rwol li għandu parametru referenzjarju għall-operat tas-swieq fi Stat Membru jew madwar l-UE kollha.

Fil-Komunikazzjoni tagħha "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: *inħarsu lil hinn mill-2030*"⁽¹⁾, il-Kummissjoni saħqet fuq l-importanza ta' sistema regolatorja li tiżgura li jintlaħqu l-objettivi b'kostijiet minimi. Għaldaqstant, impenjat ruħha biex tagħti spinta għal li r-razzjonalizzazzjoni u lis-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar, bl-għan aħħari li tnaqqas b'25 % il-piżijiet relatati, mingħajr ma timmina l-objettivi ta' politika relatati.

Ir-rekwiżiti ta' rapportar għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tal-monitoraġġ xieraq u fl-infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. Il-kostijiet tagħhom huma fil-biċċa l-kbira kkompensati sew mill-benefiċċju li jiġibu magħhom, b'mod partikolari fil-monitoraġġ u fl-iżgurar tal-konformità ma' miżuri ta' politika ewlenin. Madankollu, huwa importanti li daww ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati, sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop li kienu maħsuba għalih u biex jiġi llimitat il-piż amministrattiv. Ir-rekwiżiti ta' rapportar jistgħu jimponu piżijiet sproorzjonati fuq il-partijiet ikkonċernati, inkluż l-SMEs u l-mikrokumpaniji, anke minħabba l-iżviluppi organizzazzjonali u teknoloġiċi li jitolbu li r-rekwiżiti ta' rapportar oriġinali jiġu aġġustati.

Għalhekk, is-simplifikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi huma prijorità.

Din il-proposta leġiżlattiva tfittex li tirrieżamina l-kamp ta' applikazzjoni tal-BMR u tindirizza n-nuqqasijiet tiegħu, kif ukoll li tintroduċi titjib immirat lejn kif jiffunzjona l-BMR.

• Kuntest politiku u ġuridiku

¹ COM(2023)168.

Parametru referenzjarju huwa indiċi (²) li jintuża bħala referenza biex jiġi ddeterminat il-prezz ta' strument finanzjarju jew kuntratt finanzjarju jew biex titkejjel il-prestazzjoni ta' fond ta' investment. Bħalissa qiegħda tiġi prodotta firxa wiesgħa ta' parametri referenzjarji, inkluż parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax, bħall-EURIBOR, parametri referenzjarji tal-ekwità, bħall-indiċijiet CAC 40, DAX jew S&P 500 u parametri referenzjarji tal-komoditajiet, eż., parametri referenzjarji tal-enerġija bħall-West Texas Intermediate jew Brent. Il-BMR ikopri diversi klassijiet ta' assi sottostanti distinti li jinkludu ekwitajiet (u strumenti simili għal ekwità, bħal fondi negozjati fil-borża), strumenti ta' introjtu fiss, rati tal-imgħax, tal-kreditu jew tal-kambju kif ukoll diversi komoditajiet.

It-Tabelli 1-3 juru kif il-BMR kurrenti organizza t-tipi ta' parametri referenzjarji ewlenin li jkopru l-klassijiet ta' assi ewlenin marbuta ma' tliet dimensjonijiet: (1) l-ammont ta' assi li jagħmlu referenza għal parametru referenzjarju; (2) il-klassi tal-assi sottostanti u (3) it-tipi ta' *data* tal-input użati għall-kalkolu tal-parametru referenzjarju.

² Indiċi huwa kejl statistiku, tipikament ta' prezz jew kwantità, ikkalkulat jew iddeterminat minn sett rappreżentattiv ta' *data* sottostanti.

Tabella 1: Leġiżlazzjoni eżistenti: distinzjoni tal-parametri referenzjarji abbażi tal-firxa tal-użu fl-UE

Kategorija	Livelli limiti kwantitattivi ³	L-intervent meħtieġ' biex jiġi kklassifikat bħala tali	Konsegwenzi legali	Popolazzjoni kurrenti
Parametri referenzjarji ta' importanza kritika	<ul style="list-style-type: none"> - EUR 500 biljun, jew - EUR 400 biljun + żewġ kriterji kwalitattivi fl-Artikolu 20(1)(c), jew - Il-parametru referenzjarju huwa bbażat fuq sottomissjonijiet minn kontributori li l-maġġoranza tagħhom jinsabu fi Stat Membru wieħed u huwa rikonoxxut bħala ta' importanza kritika f' dak l-Istat Membru 	Il-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni f' konformità mal-Artikolu 20(1) tal-BMR (att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni ⁴)	Japplikaw regoli addizzjonali (l-Artikolu 20-23), inkluża l-amministrazzjoni obligatorja (l-awtorità kompetenti għandha s-setgħa li ġġiegħel lill-amministratur ikompli jippubblika l-parametru referenzjarju) u l-kontribuzzjoni obligatorja (f'każ li l-amministratur ikun innotifika lill-awtorità kompetenti bl-intenzjoni ta' kontributor li jiegħaf jikkontribwixxi <i>data</i> tal-input, l-awtorità kompetenti jkollha s-setgħa li titlob lill-kontributor jikkontribwixxi <i>data</i> tal-input).	EURIBOR, WIBOR, STIBOR, NIBOR
Parametri referenzjarji sinifikanti	<ul style="list-style-type: none"> - Il-parametru referenzjarju ma huwiex parametru referenzjarju ta' importanza kritika <p>U jissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> - EUR 50 biljun, jew - Il-parametru referenzjarju ma jkollu l-ebda sostitut jew fit li xejn sostituti xierqa mmexxija mis-suq u, fil-każ li l-parametru referenzjarju ma jibqax jiġi pprovdut jew jiġi pprovdut abbażi ta' <i>data</i> tal-input li ma tkunx għada rappreżentattiva b' mod sħiħ tas-suq jew tar-realtà ekonomika sottostanti jew abbażi ta' <i>data</i> tal-input inaffidabbli, ikun hemm impatt sinifikanti u avvers fuq l-integrità tas-suq, l-istabbiltà finanzjarja, il-konsumaturi, l-ekonomija reali jew il-finanzjament ta' unitajiet domestiċi jew negozji fi Stat Membru wieħed jew aktar. 	L-awtorità kompetenti responsabbli mis-supervizzjoni tal-amministratur tiddeċiedi li tikklassifika parametru referenzjarju bħala sinifikanti jew mhux sinifikanti.	<ul style="list-style-type: none"> - Mitigazzjonijiet immirati tar-rekwiżiti fit-titolu II tal-BMR fuq bażi ta' konformità jew spjegazzjoni (ara l-Artikolu 25 tal-BMR) - L-entitajiet li diġà huma taħt supervizzjoni jirrikjedu biss reġistrazzjoni biex jamministraw parametri referenzjarji sinifikanti 	Minn Settembru 2022, madwar 50 parametru referenzjarju sinifikanti offruti minn sitt amministraturi kienu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-BMR ⁵ .
Parametri referenzjarji mhux sinifikanti ⁶	Parametru referenzjarju li ma jikkwalifikax bħala ta' importanza kritika jew sinifikanti		<ul style="list-style-type: none"> - Mitigazzjonijiet ulterjuri tar-rekwiżiti fit-titolu II tal-BMR fuq bażi ta' konformità jew spjegazzjoni (ara l-Artikolu 26 tal-BMR) - L-amministrazzjoni ta' parametru referenzjarju mhux sinifikanti tirrikjedi biss reġistrazzjoni. 	Il-parametri referenzjarji l-oħrajn kollha

³ Kalkolu bbażat fuq il-valur totali tal-istrumenti finanzjarji, tal-kuntratti finanzjarji jew tal-fondi ta' investiment fl-Unjoni li għalihom jintuża l-parametru referenzjarju bħala referenza ddeterminata mill-amministratur tal-parametru referenzjarju.

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1368, kif emendat.

⁵ Dan jeskludi għadd mhux magħruf ta' parametri referenzjarji sinifikanti offruti minn amministraturi mhux tal-UE li f' dak iż-żmien ma kinux kisbu rikonoxximent jew approvazzjoni.

⁶ Il-parti bil-kulur tikkorrispondi għal parametri referenzjarji li għalihom l-amministratur ma jkunx meħtieġ' li jiġi rreġistrat aktar; Ara hawn taħt.

Tabella 2: Leġiżlazzjoni eżistenti: distinzjoni ta' parametri referenzjarji abbażi tal-klassi tal-assi sottostanti

Klassi tal-assi sottostanti	Definizzjoni	L-intervent meħtieġ biex jiġu kklassifikati bħala tali	Konsegwenzi legali
Parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax	“parametru referenzjarju li [...] huwa determinat abbażi tar-rata li biha l-banek jistgħu jsellfu lil, jew jissellfu mingħand, banek jew aġenti oħra, barra minn banek fis-suq monetarju”	Ma hemm bżonn tal-ebda intervent. L-awtorità kompetenti responsabbli mis-supervizzjoni tal-amministratur tiddeċiedi li tikklassifika parametru referenzjarju skont il-klassi tal-assi li jkun ikejjel.	Il-parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax huma soġġetti għal reġim speċifiku stabbilit fl-Anness I tal-BMR
Parametri referenzjarji tal-komoditajiet	“parametru referenzjarju fejn l-assi sottostanti [...] huwa komodità [...], bl-esklużjoni tal-kwoti ta' emissjonijiet [...]”		Parametri referenzjarji tal-komoditajiet, bl-eċċezzjoni ta': <ul style="list-style-type: none"> - Parametri referenzjarji tal-komoditajiet b'maġġoranza ta' entitajiet taħt supervizzjoni li jikkontribwixxu <i>data</i> tal-input; - Parametri referenzjarji tal-komoditajiet li huma wkoll parametri referenzjarji ta' <i>data</i> regolata; - Parametri referenzjarji tal-komoditajiet ta' importanza kritika bid-deheb, bil-fidda jew bil-platinu bħala sottostanti huma soġġetti għal reġim speċifiku stabbilit fl-Anness II tal-BMR.
Ohrain (tinkludi: ekwità, introjtu fiss, dejn, rati tal-kambju ...)	[kwalunkwe parametru referenzjarju ieħor]		Soġġett għar-reġim ġenerali tal-BMR

Tabella 3: Leġiżlazzjoni eżistenti: distinzjoni ta' parametri referenzjarji abbażi tat-tip ta' data tal-input

Tip ta' data tal-input	Definizzjoni	L-intervent meħtieġ biex jiġi kklassifikat bħala tali	Konsegwenzi legali
Parametri referenzjarji ta' <i>data</i> regolata	Parametru referenzjarju ddeterminat bl-applikazzjoni ta' formula minn: <ul style="list-style-type: none"> (a) <i>data</i> tal-input ikkontribwita kompletament minn: <ul style="list-style-type: none"> (i) ċentru tan-negozjar [...] jew ċentru tan-negozjar f'pajjiż terz li għalih il-Kummissjoni tkun adottat [deċiżjoni dwar l-ekwivalenza][...]; (ii) arranġament ta' pubblikazzjoni approvat (APA) [...] jew fornitur ta' tape konsolidat [...]; (iii) mekkaniżmu ta' rapportar approvat (ARM) [...]; (iv) skambju tal-elettriku [...]; (v) skambju ta' gass naturali [...]; (vi) pjattaforma tal-irkant; (vii) fornitur ta' servizzi li l-amministratur tal-parametru referenzjarju jkun esternalizza lilu l-ġbir ta' <i>data</i> [...], dment li l-fornitur ta' servizzi jirċievi d-<i>data</i> kompletament mingħand entità msemmija fil-punti (i) sa (vi) ta' dan il-punt; 	Ma hemm bżonn tal-ebda intervent. L-awtorità kompetenti responsabbli mis-supervizzjoni tal-amministratur tiddeċiedi li tikklassifika parametru referenzjarju skont it-tip ta' <i>data</i> tal-input użata.	Il-parametri referenzjarji tad- <i>data</i> regolata jibbenefikaw minn mitigazzjonijiet sinifikanti tar-rekwiżiti dwar il-kontrolli fuq id- <i>data</i> tal-input, ir-rapportar tal-ksur u l-kontribuzzjoni tad- <i>data</i> tal-input (ara l-Artikolu 17). Il-parametri referenzjarji tad- <i>data</i> regolata ma jistgħux jiġu ddiżinjati bħala parametri referenzjarji ta' importanza kritika, anke jekk jaqbu l-limiti kwantitattivi stabbiliti fl-Artikolu 20.

	(b) valuri netti tal-assi ta' fondi ta' investment		
Kwalunkwe parametru referenzjarju ieħor	Kwalunkwe <i>data</i> tal-input li ma tikkwalifikax bħala <i>data</i> regolata		Soġġett għar-reġim ġenerali tal-BMR

Is-swieq finanzjarji huma swieq globali, u l-parametri referenzjarji jiġu prodotti u użati fuq livell internazzjonali. Il-banek Ewropej, il-fondi ta' investment u utenti oħrajn ta' parametri referenzjarji ⁽⁷⁾ jirreferu għal parametri referenzjarji tal-UE u mhux tal-UE għal varjetà ta' finijiet, mill-iħħeġġjar tar-riskji tagħhom stess, inklużi r-riskji tal-imgħax, tal-kreditu u tal-kambju, u l-offerta ta' prodotti għall-iħħeġġjar tar-riskju tal-klijenti tagħhom, sal-istabbiliment ta' portafoll ta' investment bl-użu tal-parametru referenzjarju jew bħala mudell ta' investment jew bħala parametru referenzjarju tal-prestazzjoni għal portafoll ta' investment. Il-BMR jistabbilixxi l-lista ta' każijiet ta' użu koperti mir-Regolament kif ġej:

- (a) il-ħruġ ta' strument finanzjarju li jirreferi għal indiċi jew kombinazzjoni ta' indiċijiet;
- (b) id-determinazzjoni tal-ammont pagabbli fl-ambitu ta' strument finanzjarju jew kuntratt finanzjarju billi ssir referenza għal indiċi jew kombinazzjoni ta' indiċijiet;
- (c) li tkun parti f'kuntratt finanzjarju li jirreferi għal indiċi jew kombinazzjoni ta' indiċijiet;
- (d) il-provvediment ta' rata ta' self [...] ikkalkolata bħala firxa jew marġni kummerċjali fuq indiċi jew kombinazzjoni ta' indiċijiet [...];
- (e) il-kejl tal-prestazzjoni ta' fond ta' investment permezz ta' indiċi jew kombinazzjoni ta' indiċijiet [...].

Il-BMR jirregola wkoll l-użu ta' parametru referenzjarju fl-UE ⁽⁸⁾. Għalhekk, l-objettiv tal-BMR huwa li jiżgura l-funzjonament xieraq tas-swieq tal-UE u grad għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur fir-rigward tal-parametri referenzjarji fil-livell tal-UE kif issottolinjat fil-Premessa 6 tal-BMR. Għaldaqstant, l-Artikolu 29 tal-BMR jirregola l-użi tal-parametri referenzjarji fl-Unjoni.

Il-BMR daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018, b'perjodu ta' tranżizzjoni għall-parametri referenzjarji eżistenti u għall-parametri referenzjarji mhux tal-UE sal-31 ta' Diċembru 2019. L-iskadenza għall-parametri referenzjarji mhux tal-UE ġiet posposta darbtejn aktar tard; f'Lulju 2023, il-Kummissjoni adottat abbozz ta' regolament delegat fl-ambitu tal-BMR biex testendi l-perjodu ta' tranżizzjoni għal darba oħra sal-31 ta' Diċembru 2025 għal parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi użati minn entitajiet tal-UE taħt superviżjoni ⁽⁹⁾.

Il-BMR huwa bbażat fuq il-Prinċipji għall-Parametri Referenzjarji Finanzjarji tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (il-prinċipji tal-IOSCO) u l-prinċipji għall-Aġenziji tar-Rapportar tal-Prezzijiet taż-Żejt tal-Organizzazzjoni

⁷ L-entitajiet taħt superviżjoni huma definiti fl-Artikolu 3(1)(17) tal-BMR.

⁸ L-Artikolu 2(1) tal-BMR. Il-BMR jirregola l-użu ta' parametru referenzjarju mill-entitajiet tal-UE taħt superviżjoni, li aħna nirreferu għalih bħala "utenti ta' parametri referenzjarji". Il-klijenti ta' dawn l-entitajiet taħt superviżjoni, l-investituri u n-negozji li jkunu qegħdin ifittxu skopertura għal parametri referenzjarji permezz ta' wieħed mill-każijiet ta' użu elenkati hawn fuq se jissejġu "utenti finali" ta' parametri referenzjarji.

⁹ Ara <https://webgate.ec.europa.eu/regdel/#/delegatedActs/2036?lang=mt>

Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (il-prinċipji PRA tal-IOSCO). Dawn iż-żewġ settijiet ta' prinċipji ġew żviluppati fil-livell internazzjonali fl-2012-2013 b'reazzjoni għal diversi rivelazzjonijiet dwar il-manipulazzjoni tal-parametri referenzjarji u għadhom iservu bħala punt fokali importanti għal regolamenti tal-parametri referenzjarji madwar id-dinja. Dawn jiġu rrispettati mill-biċċa l-kbira tal-amministraturi ta' parametri referenzjarji professjonali, l-aktar fuq bażi ta' awtoċertifikazzjoni.

- **Ħarsa ġenerali lejn il-proposta**

F'konformità mal-objettiv doppju tas-simplifikazzjoni tar-rapportar u tal-piż regolatorju ġenerali u r-rispons għal mandat għar-rieżami tal-BMR f'termini tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u r-regoli tiegħu għall-użu ta' parametri referenzjarji mhux tal-UE, din il-proposta għandha l-għan li tirrimedja ż-żewġ nuqqasijiet li ġejjin:

- (1) Proporzjonalità insuffiċjenti fil-BMR kurrenti, b'mod partikolari peress li l-amministraturi ta' parametri referenzjarji mhux sinifikanti huma soġġetti għal rekwiżit ta' reġistrazzjoni mill-ewwel użu ta' parametru referenzjarju li joffru;
- (2) Effetti dissważivi potenzjali tar-rekwiżit li jinkiseb rikonoxximent jew approvazzjoni dwar ir-rieda ta' amministraturi ta' pajjiżi terzi li joffru parametri referenzjarji fl-UE. L-amministraturi ta' parametri referenzjarji mhux tal-UE, spiss mhux taħt superviżjoni fil-ġurisdizzjoni domiċiljari tagħhom, jiffaċċjaw piż ta' konformità addizzjonali sinifikanti meta jfittxu aċċess għas-suq tal-UE permezz ta' rikonoxximent jew approvazzjoni. Dan jippreżenta riskju li jitnaqqsu l-għadd u l-varjetà ta' parametri referenzjarji disponibbli għall-utenti ta' parametri referenzjarji tal-UE.

L-objettivi ta' politika tal-BMR xorta għandhom jintlaħqu jekk jiffoka fuq parametri referenzjarji ta' importanza kritika, parametri referenzjarji sinifikanti, il-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi. Għalhekk, skont din il-proposta, l-amministraturi ta' daww il-kategoriji ta' parametri referenzjarji biss għandhom ikomplu jkunu soġġetti għar-rekwiżit ta' reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni u għall-maġġoranza tar-rekwiżiti sostantivi.

Benefiċċji tar-razzjonalizzazzjoni

Din il-proposta tirrikalibra l-kamp ta' applikazzjoni tal-BMR. Filwaqt li r-regoli sostantivi jibqgħu l-istess, dawn se jkunu applikabbli għal għadd iżgħar ta' parteċipanti fis-suq skont approċċ ibbażat fuq l-importanza sistemika tal-parametri referenzjarji. Barra minn hekk, il-proposta tinvolvi titjib inkrementali tar-regoli proċedurali, billi tiċċara ċerti aspetti li fil-prattika kienu jwasslu għal inċertezza legali, b'mod partikolari min-naħa tal-utenti ta' parametri referenzjarji.

Din il-proposta se tnaqqas il-piż assoċjat mar-reġistrazzjoni u mas-superviżjoni relatata tal-amministraturi ta' parametri referenzjarji mhux sinifikanti. Dawn l-amministraturi jiffurmaw il-maġġoranza l-kbira (madwar 90 %) tal-għadd totali ta' amministraturi, madankollu, l-użu tal-parametri referenzjarji tagħhom huwa inqas ekonomikament sinifikanti.

Ir-rekord tal-BMR ikompli juri li f'erba' snin ta' applikazzjoni, ġiet imposta multa waħda biss minn awtorità nazzjonali kompetenti. Din il-multa ġiet imposta minn BaFin, l-Awtorità Superviżorja Ġermaniża tas-Servizzi Finanzjarji fl-2021, fir-rigward tal-kontrolli ta' entità taħt superviżjoni fir-rigward tal-kontribuzzjoni tagħha għal parametru referenzjarju ta'

importanza kritika ⁽¹⁰⁾. Skont din il-proposta, l-attività ta' kontribut għal parametru referenzjarju ta' importanza kritika se tkompli tkun soġġetta għall-istess skrutinju superviżorju.

Għall-entitajiet taħt superviżjoni tal-UE li jużaw il-parametri referenzjarji, din il-proposta tneħħi r-restrizzjonijiet fuq l-użu li jinsabu fil-kapitolu tal-pajjiżi terzi tal-BMR kurrenti, li ġew identifikati bħala impediment għall-użu tal-maġġoranza tal-parametri referenzjarji mhux tal-UE ⁽¹¹⁾. Din il-proposta għandha wkoll l-għan li tissimplifika l-piżijiet ta' konformità kurrenti għall-utenti ta' parametri referenzjarji tal-UE, bħall-ħtieġa li jivverifikaw individwalment l-istatus regolatorju tal-indiċijiet li jixtiequ jużaw bħala parametri referenzjarji billi jikkonsultaw siti web u reġistri pubbliċi. Bħalissa, dan it-tnaqqis fil-piż jirriżulta mill-fatt li l-parametri referenzjarji awtomatikament jeħtieġ li jiġu approvati għall-użu. Skont il-proposta, għandu jkun biżżejjed li jiġi kkonsultat ir-reġistru tal-Artikolu 36 biex jiġi vverifikat li parametru referenzjarju ma huwiex soġġett għal avviż pubbliku li jipprojbixxi l-użu tiegħu. Sabiex ikun hemm trasparenza sħiħa, id-deċiżjonijiet rilevanti kollha mill-awtoritajiet superviżorji għandhom jiġu ppubblikati u jinġabru fir-reġistru tal-Artikolu 36 kif ukoll fil-bażi tad-*data* fl-ambitu tar-Regolament dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew ("ESAP"). Barra minn hekk, meta awtorità kompetenti jew l-ESMA tikkonkludi li amministratur ta' parametru referenzjarju ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu, avviż pubbliku javża lill-utenti ta' parametri referenzjarji tal-UE li parametru referenzjarju partikolari ma huwiex adegwat għall-użu fl-Unjoni u li l-użu ulterjuri ta' dak il-parametru referenzjarju jkun ipprojbit.

Għażliet ta' politika oħrajn ikkunsidrati

Għażliet ta' politika alternattivi setgħu inkludew rikalibrazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni biss għal parametri referenzjarji mhux tal-UE, jew tnaqqis tar-rekwiżiti sostantivi fuq l-amministraturi kollha mingħajr ma jiġi emendat il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. L-ewwel għażla ġiet skartata abbażi li kienet tfixxkel il-kundizzjonijiet ekwi għad-detriment tal-amministraturi bbażati fl-UE; it-tieni għażla setgħet tnaqqas il-piż fuq l-amministraturi tal-UE iżda ma kinitx tindirizza kif xieraq il-piż amministrattiv eċċessiv fuq l-amministraturi tal-UE ta' parametri referenzjarji mhux sinifikanti u r-riskju li r-regoli tal-pajjiżi terzi joħolqu għall-aċċess tal-utenti tal-UE għal parametri referenzjarji mhux tal-UE, u setgħet tpoġġi f'riskju l-oġġettiv ta' politika li jiġu żgurati parametri referenzjarji sikuri u ta' kwalità għolja.

Fl-aħħar nett, fin-nuqqas ta' bidliet fil-qafas regolatorju kurrenti, il-BMR ikompli japplika għall-parametri referenzjarji kollha użati mill-parteciċipanti fis-swieq finanzjarji tal-UE, inklużi l-parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi. Kif deskritt fir-rapport tal-Kummissjoni ppubblikat fl-14 ta' Lulju 2023 ⁽¹²⁾, ir-regoli għall-użu ta' parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi jkomplu jaġixxu bħala diżinċentiv biex jiġu offruti parametri referenzjarji lill-klijenti tal-UE minn pajjiżi terzi, li jistgħu jwasslu għal disponibbiltà limitata ta' parametri referenzjarji xierqa, u potenzjalment kostijiet akbar, għall-utenti finali tal-UE. B'riżultat ta' dan, l-utenti ta' parametri referenzjarji tal-UE bħall-banek u d-ditti tal-investment jissugraw li jutilfu l-aċċess għal parti kbira mill-indiċijiet tad-dinja li jużaw bħala parametri referenzjarji għal strumenti finanzjarji jew bħala rati ta' referenza f'kuntratti finanzjarji. Dan ikun ifisser li ma jkunux jistgħu jibqgħu joffru prodotti ta' investment jew ta' ħħeġġjar li jirreferu għal indiċijiet mhux tal-UE li huma saħansitra mainstream ħafna. L-investituri u l-kumpaniji tal-UE mbaġhad

¹⁰ Ara r-rapport tal-ESMA tal-2021 dwar is-sanzjonijiet imposti fl-ambitu tar-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji <https://www.esma.europa.eu/document/report-sanctions-imposed-under-benchmarks-regulation-in-2021>.

¹¹ COM(2023) 455 final

¹² Ibid.

ikollhom jirrikorru għal intermedjarji mhux tal-UE għal dawn is-servizzi bażiċi u jissograw li jħallsu premium. Id-disponibbiltà iżgħar ta' parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi fl-UE mbagħad tista' tirriżulta f'kompetizzjoni limitata u f'riskju sistemiku potenzjali.

Tabella 4 - Sommarju tar-riforma proposta

<i>Tipi ta' parametri referenzjarji sinifikanti</i>	
<p>Parametri referenzjarji sinifikanti skont il-liġi - parametri referenzjarji fejn l-amministratur ikun ikkonkluda li l-indiċi huwa rreferenzjat minn strumenti u kuntratti finanzjarji, jew jintuża bħala parametru referenzjarju ta' prestazzjoni, b'aktar minn total ta' EUR 50 biljun f'assi ta' referenza.</p>	<p>Parametri referenzjarji sinifikanti skont id-deżinjazzjoni - parametri referenzjarji li ma laħqux il-limitu ta' EUR 50 biljun iżda li għandhom rwol sinifikanti fl-operat ta' suq (tal-bejgħ bl-imnut) nazzjonali wieħed jew diversi minnhom ⁽¹³⁾.</p>
<i>Min jiddiżinja?</i>	
<p>Tali parametri referenzjarji jitqiesu awtomatikament bħala sinifikanti (l-ebda hteġa ta' deżinjazzjoni). L-amministraturi jridu jinnotifikaw lill-awtorità nazzjonali kompetenti tagħhom meta jilħqu l-limitu.</p> <p>L-ESMA u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu joħorġu dikjarazzjoni li tindika li parametru referenzjarju qabeż il-limitu ta' hawn fuq iżda l-amministratur tiegħu naqas milli jinnotifika lill-awtorità kompetenti tiegħu.</p>	<p>Parametri referenzjarji tal-UE: l-awtorità nazzjonali kompetenti</p> <p>L-ESMA tiġi kkonsultata qabel id-deżinjazzjoni u toħroġ parir dwar id-deżinjazzjoni maħsuba tal-awtorità kompetenti biex tiġi żgurata l-konsistenza tad-deżinjazzjonijiet nazzjonali.</p> <p>Parametri referenzjarji mhux tal-UE: l-ESMA, fuq talba ta' awtorità nazzjonali kompetenti (l-Artikolu 24 tal-BMR)</p>
<i>Obbligi regolatorji</i>	
<ul style="list-style-type: none"> • għall-amministraturi li jinsabu fl-UE: awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 34 tal-BMR; • għal amministraturi ta' pajjiżi terzi: rikonoxximent skont l-Artikolu 32 tal-BMR mal-ESMA jew l-approvazzjoni skont l-Artikolu 33 tal-BMR, ħliet jekk tkun ġiet adottata deċizzjoni dwar l-ekwivalenza mal-pajjiż terz. 	
<i>Trasparenza għall-utenti ta' parametri referenzjarji</i>	
<p><i>Min jippubblika d-deżinjazzjoni?</i></p> <p>Ma hemm l-ebda deżinjazzjoni formali.</p> <p>L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-ESMA joħorġu dikjarazzjoni pubblika li fiha amministratur jinnotifika l-parametru referenzjarju tiegħu bħala sinifikanti, jew li fiha dik l-awtorità kompetenti jew l-ESMA jkollha raġunijiet ċari u dimostrabbli biex tqis parametru referenzjarju bħala sinifikanti.</p> <p>Fir-reġistru tal-ESMA, jiġu ppubblikati l-ismijiet ta' parametri referenzjarji soġġetti għaż-żewġ tipi ta' dikjarazzjonijiet, flimkien ma' link għal dik dikjarazzjoni.</p>	<p><i>Min jippubblika d-deżinjazzjoni?</i></p> <p>Id-deċizzjoni dwar id-deżinjazzjoni minn awtorità nazzjonali kompetenti tiġi ppubblikata skont il-liġijiet nazzjonali ta' dik l-awtorità. L-ESMA tiġi nnotifikata b'dik id-deżinjazzjoni u tippubblika l-isem ta' dak il-parametru referenzjarju u link għad-deċizzjoni dwar id-deżinjazzjoni fir-reġistru tal-Artikolu 36.</p> <p>Id-deċizzjoni dwar id-deżinjazzjoni mill-ESMA tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-ESMA. L-isem tal-parametru referenzjarju u link għad-deċizzjoni dwar id-deżinjazzjoni huma inklużi fir-reġistru tal-Artikolu 36.</p>

¹³ Eżempju ta' suq bl-imnut rilevanti jista' jkun dak tal-ipoteki jew ta' fondi ta' investiment popolari ħafna.

Informazzjoni dwar l-istatus regolatorju fuq l-amministraturi ta' parametri referenzjarji sinifikanti

Ir-reġistru miżmum mill-ESMA f'konformità mal-listi tal-Artikolu 36⁽¹⁴⁾:

- amministraturi awtorizzati jew irreġistrati fl-UE;
- amministraturi mhux tal-UE rikonoxxuti jew approvati fl-UE;
- parametri referenzjarji soġġetti għal dikjarazzjoni pubblika minn awtorità kompetenti jew mill-ESMA li tipprobixxi l-użu tagħhom fl-UE, flimkien ma' links għal tali dikjarazzjonijiet;
- lista ta' Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u ta' Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi disponibbli għall-użu fl-UE.

Skont il-proposta, ir-Regolament jiffoka fuq il-parametri referenzjarji ta' importanza kritika, il-parametri referenzjarji sinifikanti, il-PABs u s-CTBs, kemm jekk l-amministratur ikun fl-Unjoni kif ukoll jekk ikun f'pajjiż terz ⁽¹⁵⁾.

Is-sinifikat ta' parametru referenzjarju jiddependi l-ewwel nett mis-sinifikat ekonomiku tiegħu għas-suq tal-UE, li għalih l-aktar indikatur rilevanti huwa l-użu aggregat ta' dak il-parametru referenzjarju. Il-limitu għad-determinazzjoni tas-sinifikat għandu fil-każijiet kollha jiġi kkalkolat abbażi tal-użu ta' parametru referenzjarju "fl-Unjoni", mingħajr distinzjoni bejn il-parametri referenzjarji tal-UE u dawk mhux tal-UE⁽¹⁶⁾. Dak il-limitu għandu jkompli jiġi stabbilit għal EUR 50 biljun, bl-istess limitu li jiddistingwi bejn parametri referenzjarji mhux sinifikanti u sinifikanti fl-ambitu tal-BMR kurrenti.

B'deroga mir-regola ġenerali, biex jitqiesu sitwazzjonijiet speċifiċi, l-awtoritajiet kompetenti (għall-parametri referenzjarji tal-UE) u l-ESMA (għall-parametri referenzjarji mhux tal-UE) għandhom ikunu jistgħu jiddeżinjaw parametri referenzjarji taħt il-limitu kwantitattiv meta jissodisfaw ċerti kriterji kwalitattivi li juru l-impatt tagħhom fl-Unjoni.

¹⁴ L-informazzjoni kollha inkluża fir-reġistru tal-Artikolu 36 se tkun aċċessibbli wkoll permezz tal-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP).

¹⁵ Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-integrità u r-reputazzjoni tat-"tikketi tal-UE" assoċjati, il-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi u l-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni u jistgħu jiġu pprovduti biss minn amministraturi awtorizzati jew irreġistrati fl-Unjoni.

¹⁶ F'konformità mad-definizzjoni ta' "użu ta' parametru referenzjarju" fl-Artikolu 2(1) tal-BMR.

Sabiex tiġi żgurata l-koerenza tad-deżinjazzjoni nazzjonali iżda tinżamm flessibilità adegwata, din il-proposta tipprevedi sistema ta' koordinazzjoni bejn id-deżinjazzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-ESMA. Il-prinċipji ewlenin tiegħu huma dawn li ġejjin:

- Awtorità kompetenti tista' taħtar parametru referenzjarju bħala sinifikanti biss meta l-ebda awtorità kompetenti oħra ma tkunx iddizinjatu qabel.
- Qabel id-deżinjazzjoni, awtorità kompetenti għandha tistieden lill-amministratur, u, fil-każ ta' deżinjazzjonijiet transfruntieri, lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru tal-amministratur biex jipprovdu kwalunkwe informazzjoni utli.
- Qabel id-deżinjazzjoni, awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-ESMA.
- L-ESMA għandha tagħti pariri dwar l-applikazzjoni korretta tal-kriterji għad-deżinjazzjoni nazzjonali u teżamina jekk il-parametru referenzjarju jistax jikkwalifika bħala sinifikanti fi Stati Membri oħrajn.
- Meta aktar minn awtorità waħda tkun tista' tiddeżinja parametru referenzjarju, dawn għandhom jaslu għal ftehim dwar liema awtorità se tagħmel dan.
- Meta ma jintlaħaq l-ebda ftehim, l-ESMA tingħata s-setgħa li ssolvi n-nuqqas ta' qbil.

Fl-aħħar nett, din il-proposta tqis l-ispeċifitàjiet tal-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE (EU CTBs) u tal-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi (EU PABs). Il-fornituri ta' parametri referenzjarji jistgħu jagħżlu volontarjament li jittikkettaw il-parametri referenzjarji bħala EU CTBs jew EU PABs, iżda dan isir b'rekwiżiti speċifiċi fl-ambitu tal-BMR. Għalhekk, l-EU CTBs u l-EU PABs jistgħu jiġu pprovduti biss minn amministraturi ta' parametri referenzjarji bbażati fl-UE li huma awtorizzati jew irreġistrati. Barra minn hekk, il-forniment ta' EU CTBs u ta' EU PABs, irrispettivament mid-daqs tagħhom, għandu jiġi rregolat b'mod identiku għall-forniment ta' parametri referenzjarji sinifikanti fl-ambitu tal-BMR.

- **Impatti tar-razzjonalizzazzjoni**

L-emendi proposti jfittxu li jirrazzjonalizzaw il-BMR abbażi tal-premessa li l-piż regolatorju kurrenti huwa mifruż b'mod ugwali fuq l-amministraturi kollha soġġetti għall-BMR, irrispettivament mis-sinifikat ekonomiku tagħhom. B'kuntrast ma' dan, is-subsett ta' amministraturi li jipprovdu l-parametri referenzjarji li huma ekonomikament l-aktar sinifikanti huwa limitat. B'mod partikolari, l-amministraturi ta' parametri referenzjarji huma obbligati japplikaw għar-reġistrazzjoni mill-mument li jintuża parametru referenzjarju uniku fi strument finanzjarju jew kuntratt.

Il-proposta tneħħi r-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni (amministraturi tal-UE) jew approvazzjoni jew rikonoxximent (amministraturi ta' pajjiżi terzi) għall-amministraturi ta' parametri referenzjarji mhux sinifikanti biss. Il-volumi ta' assi ta' referenza ta' parametri referenzjarji mhux sinifikanti huma baxxi, sabiex dawn it-tipi ta' parametri referenzjarji ma jippreżentaw l-ebda riskju sistemiku. B'riżultat ta' dan, il-konformità obligatorja mar-rekwiżiti organizzazzjonali, dwar (i) il-governanza u l-kunflitti ta' interess, (ii) il-funzjoni ta' sorveljanza u ġerarkija u l-monitoraġġ tad-*data* tal-input; (iii) l-istabbiliment ta' kodiċijiet ta' kondotta fir-rigward tad-*data* tal-input; (iv) ir-rapportar ta' ksur, u (v) id-divulgazzjonijiet tad-dikjarazzjoni metodoloġika u tal-parametru referenzjarju ma jibqgħux japplikaw għall-amministraturi ta' parametri referenzjarji mhux sinifikanti. Madankollu, għandu jiġi mfakkar li r-rekwiżiti previsti fir-Regolament (UE) Nru 596/2014 ("ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq" jew "MAR") ikomplu japplikaw¹⁷). Fl-aħħar nett, għandu jiġi rikonoxxut ukoll li hemm prattika tas-suq stabbilita sew biex l-amministraturi ta' parametri referenzjarji joperaw f'konformità mal-Prinċipji rilevanti tal-IOSCO.

Kaxxa 1

Parametri referenzjarji sinifikanti meta mqabbla ma' daww mhux sinifikanti

Ir-reġistru tal-ESMA bħalissa jelenka 73 amministratur ta' parametri referenzjarji tal-UE. Mill-parametri referenzjarji li bħalissa qegħdin jintużaw fl-UE, parametru referenzjarju wieħed biss (EURIBOR) ġie ddiżinjat bħala parametru referenzjarju ta' importanza kritika taħt is-superviżjoni tal-ESMA¹⁸. Tlieta - ir-Rata Offruta tal-Interbank ta' Stokkolma (STIBOR), ir-Rata Offruta tal-Interbank tan-Norveġja (NIBOR) u r-Rata Offruta tal-Interbank ta' Varsavja (WIBOR) huma parametri referenzjarji ta' importanza kritika taħt superviżjoni nazzjonali¹⁹. Dawn il-parametri referenzjarji ta' importanza kritika kollha huma parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax, u kull wieħed minnhom huwa amministrat minn amministratur differenti tal-UE.

¹⁷ Ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq japplika għall-imgħax fir-rigward tal-parametri referenzjarji skont l-Artikolu 2. L-Artikolu 12 tal-MAR jipprevedi li l-manipulazzjoni tas-suq tinkludi wkoll l-attività tat-trażmissjoni ta' informazzjoni falza jew qarrieqa jew il-forniment ta' inputs foloz jew qarrieqa rigward parametru referenzjarju meta l-persuna li wettqet it-trażmissjoni jew ipprovdiet l-input kienet taf jew missha kienet taf li kien falz jew qarrieq, jew kwalunkwe mgħiba oħra li timmanipula l-kalkolu ta' parametru referenzjarju. Fil-proposta leġiżlattiva "Att dwar l-Elenkar", il-Kummissjoni pproponiet li jiġi emendat ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq biex l-amministraturi ta' parametri referenzjarji u l-kontributuri jiddaħħlu fl-ambitu tar-reġim tas-sanzjonar amministrattiv billi jiġi emendat l-Artikolu 30(2) l-ittra (e) sa (g). L-emendi proposti għall-Artikolu 23 itejbu wkoll is-setgħa tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-amministraturi ta' parametri referenzjarji.

¹⁸ L-Artikolu 20(1)(a) tal-BMR, li jirrikjedi li parametru referenzjarju jiġi rreferenzjat minn ammont totali ta' kuntratti finanzjarji u strumenti finanzjarji ta' mill-inqas EUR 500 biljun.

¹⁹ L-Artikolu 20(1)(b) BMR.

Stħarriġ informali tas-superviżuri nazzjonali mill-ESMA żvela li f'Settembru 2022, sitt amministraturi ta' parametri referenzjarji taħt superviżjoni Ewropea (tlieta mill-UE u tlieta mhux tal-UE⁽²⁰⁾) joffru parametru referenzjarju sinifikanti wieħed jew diversi minnhom⁽²¹⁾. Is-66 amministratur li jifdal jipprovdu biss parametri referenzjarji mhux sinifikanti.

Din ir-razzjonalizzazzjoni se tirriżulta fl-immirar aħjar tal-isforzi superviżorji fuq il-kategoriji rilevanti ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika jew sinifikanti, definiti bħala parametri referenzjarji li jirreferu għal strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew fondi ta' investment għal ammont totali ta' aktar minn EUR 500 biljun (ta' importanza kritika) jew EUR 50 biljun (sinifikanti) jew, parametri referenzjarji li, abbażi ta' valutazzjoni nazzjonali jew madwar l-UE kollha, għandhom rwol sinifikanti f'suq (tal-bejgħ bl-imnut) fi Stati Membri partikolari jew f'suq f'diversi Stati Membri.

Il-proposta hija mistennija li tnaqqas l-għadd ta' entitajiet tal-UE li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-BMR. Mit-73 amministratur tal-UE li bħalissa jinsabu taħt superviżjoni, 66 amministratur jaqgħu barra mill-ambitu, sakemm ma jkunux speċifikament iddiżinjati bħala sinifikanti. Dan jikkorrispondi għal tnaqqis tal-popolazzjoni soġġetta għal konformità obbligatorja sa 90 %. Għall-implikazzjonijiet tal-kostijiet, jekk jogħġbok ara t-taqsimu dwar ir-REFIT hawn taħt.

- **Implikazzjonijiet għall-amministraturi ta' pajjiżi terzi**

L-iżgurar tat-trattament ugwali tal-amministraturi irrispettivament mill-post tagħhom huwa prinċipju gwida ta' din il-proposta. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-BMR fir-rigward tal-amministraturi tal-UE għandu jkun identiku għal dak applikabbli għal amministraturi ta' pajjiżi terzi.

Aħna nivvalutaw li hemm madwar 273 amministratur ta' parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi⁽²²⁾. Skont ir-regoli kurrenti, mill-1 ta' Jannar 2026, kollha jkollhom jiżguraw aċċess għas-suq tal-UE permezz ta' ekwivalenza, rikonossiment jew approvazzjoni sabiex il-parametri referenzjarji tagħhom jibqgħu disponibbli għall-użu mill-entitajiet taħt superviżjoni tal-UE. Bħalissa, minn dan in-numru, tnejn huma koperti minn deċiżjoni dwar l-ekwivalenza⁽²³⁾, tnejn oħrajn huma rikonossuti minn entità taħt superviżjoni tal-UE⁽²⁴⁾ u għaxra huma rikonossuti mill-ESMA⁽²⁵⁾. Il-259 amministratur li jifdal jistgħu sal-1 ta' Jannar 2026 joffru l-parametri referenzjarji tagħhom mingħajr restrizzjoni fl-UE f'konformità mal-perjodu ta' tranżizzjoni skont l-Artikolu 51(5) tal-BMR. Dan ifisser li madwar 5 % biss tal-

²⁰ Li jkunu kisbu aċċess għas-suq tal-UE permezz ta' rikonossiment jew approvazzjoni. Dan minbarra għadd mhux magħruf ta' amministraturi mhux tal-UE li joffru parametri referenzjarji sinifikanti fl-UE skont id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali.

²¹ Il-parametri referenzjarji referenzjati minn ammont totali ta' kuntratti finanzjarji u strumenti finanzjarji ta' aktar minn EUR 50 biljun, jew [li] ma għandhom l-ebda sostitut jew ftit li xejn sostituti xierqa mmexxija mis-suq u [jistgħu jikkawżaw] impatt sinifikanti u avvers fuq l-integrità tas-suq, l-istabbiltà finanzjarja, il-konsumaturi, l-ekonomija reali jew il-finanzjament ta' unitajiet domestiċi jew negozji fi Stat Membru wieħed jew aktar.

²² Id-*data* kollha f'din it-taqsimu ġiet irrapportata mill-ESMA, inkluż abbażi ta' bażi tad-*data* kummerċjali (www.rimes.com).

²³ ABS Benchmarks Administration CO PTE. LTD. (Singapore) u ASX Benchmarks Limited (l-Awstralja).

²⁴ S&P Dow Jones Indices, LLC (l-Istati Uniti tal-Amerka) u SIX Index AG (l-Iżvizzera).

²⁵ Hedge Fund Research, Inc. (l-Istati Uniti tal-Amerka), ICAP information Services Limited (ir-Renju Unit), Invesco Indexing LLC (l-Istati Uniti tal-Amerka), JPX Market Innovation & Research, Inc. (il-Ġappun), Leonteq Securities AG (l-Iżvizzera), LPX AG (l-Iżvizzera), Nikkei Inc. (il-Ġappun), Scientific Infra Pte Ltd (Singapore), STOXX Ltd. (l-Iżvizzera), WisdomTree, Inc. (l-Istati Uniti tal-Amerka).

amministraturi ta' pajjiżi terzi użaw b'suċċess waħda mit-tliet "rotot ta' aċċess" disponibbli għas-suq tal-UE.

Fir-rigward ta' parametri referenzjarji sinifikanti, huwa stmat li mill-inqas sitt amministraturi mhux tal-UE jipprovdu mill-inqas parametru referenzjarju wieħed li jaqbeż il-limitu tal-użu ta' EUR 50 biljun fl-UE. Minn dawn is-sitta, tlieta minnhom bħalissa kisbu rikonoxximent jew approvazzjoni fl-UE. Fid-dawl tal-fatt li din il-proposta tippredvi l-possibbiltà li l-ESMA tiddiżinja parametri referenzjarji addizzjonali mhux tal-UE bħala sinifikanti, dawn is-sitt amministraturi mhux tal-UE ta' parametri referenzjarji sinifikanti għandhom jitqiesu bħala l-popolazzjoni minima li xorta se tiġi soġġetta għar-reġim ta' pajjiżi terzi.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta hija parti minn pakkett ta' miżuri biex jiġu rrazzjonalizzati r-rekwiżiti ta' rapportar. Dan huwa pass fi proċess kontinwu li jħares mill-qrib lejn rekwiżiti ta' rapportar eżistenti, bl-għan li jivvaluta kemm għandhom rilevanti u jagħmilhom aktar effiċjenti.

Din il-proposta għandha l-għan li tnaqqas b'mod sinifikanti l-għadd ta' parametri referenzjarji fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u konsegwentement anke l-piż regolatorju għall-maġġoranza tal-amministraturi ta' parametri referenzjarji u għall-utenti. Fl-istess ħin, l-enfasi akbar tal-konformità u tal-isforzi superviżorji fuq daww il-parametri referenzjarji li huma ekonomikament l-aktar sinifikanti se tiżgura l-ilħuq tal-oġġettivi ta' politika li jirfdu l-BMR.

Barra minn hekk, din ir-riforma tal-BMR se tikkontribwixxi għall-oġġettivi ġenerali tal-politiki tas-servizzi finanzjarji tal-UE li għandhom l-għan li jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja. Il-proposta se tikkontribwixxi wkoll għall-oġġettivi tal-pjan ta' azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali li għandu l-għan li japprofondixxi s-swieq kapitali tal-UE u li jagħmel l-ekonomija Ewropea u l-kumpaniji Ewropej aktar kompetittivi.

L-approċċ meħud f'din il-proposta għandu jiġi kkuntrastat ma' dak propost mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha dwar it-trasparenza u l-integrità tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG) ⁽²⁶⁾. L-inizjattiva tal-klassifikazzjonijiet tal-ESG hija bbażata fuq il-prinċipji u hija bbażata fil-biċċa l-kbira fuq rakkomandazzjonijiet ippublikati mill-IOSCO f'Novembru 2021. Ġurisdizzjonijiet oħra li qed jaħdmu fuq it-titjib tat-trasparenza u l-integrità tal-klassifikazzjonijiet tal-ESG qed jibbażaw ukoll ix-xogħol tagħhom fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO, li għandhom jirriżultaw f'allinjament wiesa' globalment fuq it-trattament ta' dawn il-fornituri. Fuq dik il-bażi, il-proposta tal-klassifikazzjonijiet tal-ESG tiegħu approċċ komprensiv għar-regolamentazzjoni tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni tal-ESG, inkluż reġim ta' pajjiżi terzi, iżda tvarja b'mod sinifikanti mill-BMR fis-sens li ma tirregolax l-użu tal-klassifikazzjonijiet tal-ESG. Barra minn hekk, is-suq tal-klassifikazzjonijiet tal-ESG jinsab fi stadju inqas żviluppat, u l-utenti tal-klassifikazzjonijiet tal-ESG huma inqas soġġetti għas-saħħa tas-suq ta' fornituri speċifiċi, filwaqt li huwa nnotat ukoll li l-utenti tal-klassifikazzjonijiet tal-ESG huma l-aktar investituri istituzzjonali li jistgħu jikkumplimentaw l-input riċevut bl-analiżi proprja tagħhom, qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar strateġija speċifika ta' investiment. Minħabba dik ir-raġuni, ir-reġim tal-klassifikazzjonijiet tal-ESG ma għandux ikun mistenni li jwassal għal detriment għall-utent bl-istess mod li r-reġim tal-pajjiżi terzi fil-BMR kien jagħmel fin-nuqqas ta' intervent leġiżlattiv.

²⁶ COM(2023) 314 final; Il-klassifikazzjonijiet tal-ESG huma "opinjonijiet" minn fornitur ta' klassifikazzjonijiet li ma għandhomx jiġu interpretati bħala forma ta' tikkettar jew ċertifikazzjoni.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Fil-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT), il-Kummissjoni tiżgura li l-leġiżlazzjoni tagħha hija adegwata għall-użu tagħha, immirata lejn il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati u tnaqqas il-piżijiet filwaqt li tilħaq l-oġettivi tagħha. Għalhekk, dawn il-proposti huma parti mill-programm REFIT, li jnaqqas il-kumplessità tal-piżijiet tar-rapportar li jirriżultaw mill-ambjent legali tal-UE.

Filwaqt li ċerti rekwiżiti ta' rapportar huma essenzjali, dawn jeħtieġ li jkunu effiċjenti kemm jista' jkun. Huma għandhom jevitaw id-duplikazzjonijiet, ineħħu l-piżijiet mhux meħtieġa u jużaw soluzzjonijiet diġitali u interoperabbli kemm jista' jkun.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETA U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU).

Ir-Regolament (UE) 2016/1011 neħħa l-ostakli għall-kummerċ abbażi tal-Artikolu 114 tat-TFUE. Għalhekk, il-leġiżlatura tal-UE tista' tibbaża fuq l-istess bażi ġuridika biex issa tadatta r-Regolament (UE) 2016/1011. Dan huwa f'konformità mar-raġunament tal-Qorti fil-Kawża C-58/08 Vodafone et. [2010] I-04999, il-punt 34, fejn il-Qorti ddikjarat: "Meta att ibbażat fuq l-Artikolu 95 KE jkun diġà elimina kull ostakolu għall-kummerċ fil-qasam li għandu jiġi armonizzat, il-leġiżlatur Komunitarju ma jistax jiġi mċaħħad mill-possibbiltà li jadatta dan l-att għal kull bidla fiċ-ċirkustanzi jew għal kull evoluzzjoni tal-konnoxxenzi fir-rigward tad-dover tiegħu li jissorvelja l-protezzjoni tal-interessi ġenerali rrikonoxxut mit-Trattat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza British American Tobacco (Investments) u Imperial Tobacco, iċċitata iktar 'il fuq, punti 77 u 78)."

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Din il-proposta tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Id-deżinjazzjoni ta' parametri referenzjarji li huma rilevanti għal suq fi Stat Membru hija dmir tal-awtorità kompetenti li hija l-eqreb ta' dak is-suq rilevanti. Pereżempju, jekk parametru referenzjarju partikolari jintuża l-aktar ta' spiss mill-operaturi f'suq (nazzjonali) partikolari, hija r-responsabbiltà ta' dik l-awtorità kompetenti li tiddeżinja l-parametru referenzjarju bħala sinifikanti, irrispettivament minn fejn ikun stabbilit l-amministratur ta' dak il-parametru referenzjarju. Jekk dak il-parametru referenzjarju jiġi amministrat fi Stat Membru ieħor, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti għandha tiżgura superviżjoni bla xkiel ta' tali parametru referenzjarju. Fid-dawl tar-riskji tal-istabbiltà finanzjarja u l-kumplessità tal-proċeduri u t-telf li jista' jseħħ f'instabbiltà finanzjarja, dawn il-kostijiet tas-superviżjoni jitqiesu bħala proporzjonati. Barra minn hekk, il-miżuri biex jiġu evitati l-frammentazzjoni u l-inċertezza legali jinkludu r-rwol ta' koordinazzjoni u ta' medjazzjoni tal-ESMA qabel id-deżinjazzjonijiet nazzjonali u r-regoli ta' anterjorità dwar l-amministraturi ta' parametri referenzjarji li diġà jkunu kisbu awtorizzazzjoni jew li jkunu r-reġistrati ma' awtorità nazzjonali kompetenti.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta tintroduċi approċċ aktar simplifikat u proporzjonat għar-regolamentazzjoni tal-parametri referenzjarji. Il-proposta hija limitata għal dawk il-bidliet li huma meħtieġa biex jinkiseb qafas li jaħdem għall-partiċipanti fis-suq tal-UE. Hija ma tmurx lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ biex tilħaq l-oġettivi tagħha. Hija kompatibbli mal-prinċipju tal-

proporzjonalità, filwaqt li tqis il-bilanċ it-tajjeb bejn il-preżervazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja u l-integrità tas-swieq Ewropej, u l-kosteffiċjenza tal-miżura.

L-emendi regolatorji proposti se jnaqqsu l-inċertezza legali għall-entitajiet taħt superviżjoni tal-UE u jiżguraw li dawn ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' parametri referenzjarji tal-UE u mhux tal-UE. Barra minn hekk, hemm distribuzzjoni ċara tal-kompetenzi bejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, l-ESMA u l-Kummissjoni fir-rigward tad-deżinjazzjoni ta' parametru referenzjarju bħala ta' importanza kritika jew sinifikanti. Il-proposta tistabbilixxi wkoll delineazzjoni ċara tal-konsegwenzi legali li jaqgħu fuq l-amministraturi li jipprovdu parametri referenzjarji li jiġu ddiżinjati bħala ta' importanza kritika jew sinifikanti.

Meta mqabbla mal-BMR eżistenti, din il-proposta żżid ukoll iċ-ċertezza legali fir-rigward tal-istatus regolatorju tal-parametri referenzjarji li jiġu ddiżinjati bħala sinifikanti – l-entitajiet deżinjati (l-awtoritajiet kompetenti) għandhom mandat biex jikkomunikaw b'mod ċar l-istatus regolatorju ta' parametru referenzjarju deżinjat. Barra minn hekk, dawn id-deċiżjonijiet se jkunu faċilment disponibbli fuq l-ESAP u fir-reġistru miżmum mill-ESMA.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta tintroduċi emendi għar-regolament eżistenti bbażati fuq l-Artikolu 114 tat-TFUE u għalhekk għandha tkun ukoll regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Dan ir-rieżami mmirat jiffoka fuq:

- l-iżgurar li l-utenti ta' parametri referenzjarji tal-UE jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' parametri referenzjarji tal-UE u mhux tal-UE u jibqgħu kompetittivi fis-swieq kapitali globali;
- it-tnaqqis tal-piż regolatorju fuq l-amministraturi ta' parametri referenzjarji tal-UE li huma ta' impatt ekonomiku limitat filwaqt li tinżamm superviżjoni adegwata ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika u sinifikanti, il-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi.

Is-servizzi tal-Kummissjoni għabru *data* direttament mill-partiċipanti fis-suq u organizzaw laqgħat mal-partijiet ikkonċernati dwar is-sitwazzjoni kurrenti, it-tħassib, u l-ideat tagħhom dwar kif jista' jittejjeb u jiġi riformat il-BMR u, b'mod partikolari, dwar il-kapitolu tal-pajjiżi terzi. Huma ppubblikaw ukoll sejħa għal evidenza għal 4 ġimgħat u għabru l-fehmiet tal-partiċipanti fis-suq.

- **Konsultazzjoni tal-Istati Membri**

Is-servizzi tal-Kummissjoni kkonsultaw lill-esperti tal-Istati Membri dwar il-forma futura tar-regolament Ewropew dwar il-parametri referenzjarji fil-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli fit-22 ta' Ġunju 2023 u fil-21 ta' Settembru 2023 rispettivament.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qablu li l-parametri referenzjarji sinifikanti biss għandhom ikunu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u li l-parametri referenzjarji li jaqbżu l-limitu tal-użu ta' EUR 50 biljun għandhom ikunu fil-kamp ta' applikazzjoni b'mod awtomatiku. Fl-istess ħin, xi Stati Membri argumentaw favur il-ħtieġa li jkollhom id-diskrezzjoni nazzjonali biex iqisu ċerti indiċijiet bħala sinifikanti, anke jekk dan il-parametru referenzjarju jkun jintuża prinċipalment fi Stat Membru wieħed jew jekk il-limiti miftiehma għad-deżinjazzjoni bħala rilevanti għall-UE ma jkunux ġew issodisfati. F'diskussjoni sussegwenti dwar il-profilu ta' skema ta' deżinjazzjoni nazzjonali, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri indikaw li huma jikkunsidraw li jiddeżinjaw għadd limitat ta' parametri referenzjarji, prinċipalment ipprovduti minn amministraturi li jinsabu f'dak l-Istat Membru.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jqisu li huwa xieraq li jiġu applikati l-limitu jew il-kriterji tad-deżinjazzjoni bl-istess mod kemm għall-parametri referenzjarji amministrati fl-UE kif ukoll għal dawk barra mill-UE.

Irrispettivament mill-approċċ magħżul għad-determinazzjoni tal-limitu għad-deżinjazzjoni ta' parametru referenzjarju bħala sinifikanti, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li esprimew opinjoni dwar il-kwistjoni jixtiequ jżommu l-parametri referenzjarji ta' komodità pprovduti mill-aġenziji li jirrapportaw il-prezzijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-BMR u japplikaw ir-regoli fl-Anness II tal-BMR għal din il-kategorija ta' parametri referenzjarji.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-konsultazzjoni mmirata dwar "ir-reġim applikabbli għall-użu ta' parametri referenzjarji amministrati f'pajjiż terz" saret bejn l-20 ta' Mejju u t-12 ta' Awwissu 2022. waslu 64 tweġiba għall-kwestjonarju online. Sommarju dettaljat tat-tweġibiet li waslu ġie inkluż fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-użu ta' parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi fl-UE ⁽²⁷⁾.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Dawn il-proposti ġew identifikati wara proċess ta' skrutinju intern tal-obbligi ta' rapportar eżistenti u abbażi tal-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata. Peress li dan huwa pass fil-proċess ta' valutazzjoni kontinwa tar-rekwiżiti ta' rapportar li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-UE, l-iskrutinju ta' tali piżijiet u tal-impatt tagħhom fuq il-partijiet ikkonċernati se jkompli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma tħejjiet l-ebda valutazzjoni tal-impatt għal din il-proposta peress li:

- Il-proposta twieġeb għal żewġ objettivi ta' politika speċifiċi li, fil-biċċa l-kbira tagħhom, jiddeterminaw minn qabel l-għażla ta' politika ppreżentata f'din il-proposta.
- Din il-proposta tikkonsisti f'rikalibrazzjoni mmirata tal-kamp ta' applikazzjoni tal-BMR u t-titjib tal-karatteristiċi tal-proporzjonalità; ma timmodifikax ir-regoli sostantivi jew il-mod ta' superviżjoni. Filwaqt li żżomm id-distinzjoni bejn il-parametri referenzjarji mhux sinifikanti u parametri referenzjarji oħrajn, skont linji li diġà jeżistu fil-BMR illum, tallinja l-qafas regolatorju aktar mill-qrib mar-regolament dwar il-parametri referenzjarji f'ġuriżdizzjonijiet oħrajn, li ġeneralment huwa bbażat fuq id-deżinjazzjoni tal-indiċijiet li l-aktar li jħallu impatt ekonomiku.

²⁷ COM(2023) 455 final.

- Barra minn hekk, din il-proposta ġiet infurmata minn valutazzjoni tal-impatt imwettqa fl-2020⁽²⁸⁾ u minn rapport tal-Kummissjoni ppreżentat lill-koleġislaturi fl-2023 ⁽²⁹⁾, inkluż żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi⁽³⁰⁾. L-intenzjoni li din l-inizjattiva tipproċedi mingħajr valutazzjoni tal-impatt tħabbret f’sejħa għall-evidenza ppubblikata mill-1 ta’ Marzu sad-29 ta’ Marzu 2023 ⁽³¹⁾.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din hija proposta REFIT, li għandha l-għan li tissimplifika l-leġislazzjoni u li tnaqqas il-piżijiet għall-partijiet ikkonċernati. Din il-proposta leġislattiva hija mistennija li twassal għal iffrankar tal-ispejjeż għall-fornituri ta’ parametri referenzjarji tal-UE li ma jipprovdux parametri referenzjarji sinifikanti kif ukoll għall-utenti ta’ parametri referenzjarji Ewropej kollha.

Għalkemm ma kienx possibbli li jiġu prodotti stimi preċiżi ⁽³²⁾, din il-proposta hija mistennija li tiġġenera ffrankar tal-ispejjeż għall-amministraturi ta’ parametri referenzjarji, għall-utenti ta’ parametri referenzjarji u għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti inkarigati mis-superviżjoni tal-amministraturi ta’ parametri referenzjarji.

- L-amministraturi ta’ parametri referenzjarji fil-każijiet kollha se jiffrankaw fuq il-kostijiet tal-konformità, b’mod partikolari l-kostijiet iġġenerati mir-rekwiżiti ta’ rapportar. Dawk l-amministraturi li jipprovdu biss parametri referenzjarji mhux sinifikanti se jiffrankaw kemm fuq il-kost tal-konformità biex jiżguraw l-istruttura organizzazzjonali tagħhom kif ukoll li l-forniment tagħhom ta’ parametri referenzjarji jissodisfa r-rekwiżiti dettaljati addizzjonali tal-BMR lil hinn minn dak li huwa stipulat mill-Prinċipji tal-IOSCO ⁽³³⁾, u fuq it-tariffi superviżorji annwali ⁽³⁴⁾. Barra minn hekk, entranti ġodda se jiffrankaw fuq it-tariffa tar-reġistrazzjoni inizjali. Għall-amministraturi li jipprovdu parametri referenzjarji li huma sinifikanti, ta’ importanza kritika jew EU CTBs jew EU PABs, l-iffirankar tal-ispejjeż ma huwiex probabbli. Madankollu, dawn l-amministraturi jistgħu jibbenefikaw ukoll mill-iffirankar sal-punt li jipprovdu wkoll parametri referenzjarji mhux sinifikanti.

²⁸ SWD(2020) 147 final.

²⁹ COM(2023) 455 final.

³⁰ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12016-Report-pursuant-to-Article-54-of-the-Benchmark-Regulation/public-consultation_mt u https://finance.ec.europa.eu/regulation-and-supervision/consultations/finance-2022-benchmarks-third-country_mt.

³¹ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13762-Review-of-the-scope-and-third-country-regime-of-the-Benchmark-Regulation_mt.

³² Il-konsultazzjoni mmirata matul is-sajf tal-2022 kien fiha mistoqsijiet dwar il-kostijiet iżda tat biss informazzjoni aneddotali.

³³ Amministratur ta’ parametru referenzjarju ewlieni partikolari kkalkula l-kost tal-istabbiliment kollu bħala amministratur ta’ parametru referenzjarju awtorizzat mill-UE għal EUR 2-3 miljun, b’kost annwali ta’ superviżjoni kontinwu ta’ bejn EUR 1,5 u 2 miljun.

³⁴ Dawn it-tariffi jvarjaw b’mod sinifikanti, minn tariffi annwali fissi ta’ ftit mijiet ta’ EUR mitluba minn ċerti awtoritajiet nazzjonali għal tariffi bbażati fuq fuq il-ħin effettivament iddedikat għas-superviżjoni.

- L-utenti ta' parametri referenzjarji huma mistennija li jibbenefikaw minn disponibbiltà akbar ta' parametri referenzjarji tal-UE u mhux tal-UE, minn ambjent regolatorju li, permezz tar-razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti regolatorji, huwa aktar miftuħ għall-innovazzjoni, u minn kompetizzjoni akbar fis-suq għall-parametri referenzjarji. Ovvjament, it-tkomplija tad-disponibbiltà ta' parametri referenzjarji mhux tal-UE tista' tikkostitwixxi iffrankar importanti tal-ispejjeż. Istituzzjoni ta' kreditu ewlenija waħda pprovdiet stima li d-dħul relatat mal-forniment ta' servizzi li jużaw parametri referenzjarji mhux tal-UE huwa fil-medda ta' EUR 100 - 150 miljun. Dan huwa dħul li jkun f'riskju jekk xi parametri referenzjarji mhux tal-UE jew il-parametri referenzjarji mhux tal-UE kollha ma jibqgħux disponibbli għall-użu fl-UE.
- L-awtoritajiet kompetenti fl-UE se jaraw tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' parametri referenzjarji u fl-għadd ta' amministraturi ta' parametri referenzjarji taħt is-supervizzjoni tagħhom. Għalkemm ma jistax jiġi preżunt li l-iffrankar se jkun lineari mat-tnaqqis fil-popolazzjoni taħt supervizzjoni, peress li l-amministraturi li jibqgħu taħt supervizzjoni se jkunu dawk responsabbli minn parametri referenzjarji li jħallu impatt ekonomiku akbar, għandu jkun hemm tnaqqis sinifikanti fil-kost kif ukoll opportunità biex il-kapaċità supervizzorja tiġi ffukata fuq parametri referenzjarji ta' importanza kritika, parametri referenzjarji sinifikanti, EU CTBs u EU PABs.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, b'mod partikolari l-libertà ta' intrapriża (l-Artikolu 16). Din l-inizjattiva għandha l-għan li tiżgura li l-utenti ta' parametri referenzjarji tal-UE jkunu jistgħu jużaw l-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' parametri referenzjarji tal-UE u mhux tal-UE u se toħloq ambjent tas-suq għall-utenti ta' parametri referenzjarji tal-UE biex jikkompetu mal-kontropartijiet mhux tal-UE tagħhom. Għalhekk, dan se jgħin biex jittejjeb id-dritt li n-negozju jitwettaq b'mod liberu. L-emendi proposti għall-BMR ma humiex mistennija li jkollhom impatt negattiv fuq il-protezzjoni tal-konsumatur peress li r-rieżami se jżomm fil-kamp ta' applikazzjoni parametri referenzjarji ta' importanza kritika u sinifikanti li jintużaw l-aktar u li huma rilevanti għall-protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-inizjattiva ma hija mistennija li jkollha l-ebda impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-UE. L-indikazzjonijiet inizjali huma li l-għadd ta' parametri referenzjarji u ta' amministraturi ta' parametri referenzjarji taħt is-supervizzjoni tal-ESMA jonqos jew, skont l-eżerċitar tas-setgħat ta' deżinjazzjoni, jibqa' kostanti. Dan jimplika li l-ESMA, skont l-eżerċitar tas-setgħat ta' deżinjazzjoni, tkun teħtieġ inqas persunal għas-supervizzjoni diretta tagħha tal-amministraturi ta' parametri referenzjarji.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Hija prevista evalwazzjoni 5 snin wara l-implimentazzjoni tal-miżura u f'konformità mal-linji gwida ta' Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tal-Kummissjoni. L-evalwazzjoni għandha l-għan li tivvaluta, fost affarijiet oħrajn, kemm ir-Regolament kien effettiv u effiċjenti fl-ilħuq tal-oġġettivi ta' politika u li tiddeċiedi jekk humiex meħtieġa miżuri jew emendi ġodda.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Artikolu 1 – Emendi għar-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji

L-Artikolu 2(1) tar-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Il-proposta temenda l-Artikolu 1(1) biex jirrifletti l-approċċ il-ġdid u żżid paragrafu ġdid (1a). Din tiddefinixxi wkoll it-tip ta' parametri referenzjarji li għalihom japplikaw it-Titoli speċifiċi fir-Regolament (UE) 2016/1011. Dawn huma parametri referenzjarji ta' importanza kritika, parametri referenzjarji sinifikanti, Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi u Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE. L-amministraturi ta' parametri referenzjarji li ma jittqisux bħala ta' importanza kritika f'konformità mal-Artikolu 20(1) tar-Regolament huma fil-kamp ta' applikazzjoni ladarba joffru parametru referenzjarju wieħed jew aktar li jiġu deżinjati bħala sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 24 il-ġdid. Għalhekk, il-parametri referenzjarji mhux sinifikanti ma għadhomx meħtieġa japplikaw ir-rekwiżiti skont it-Titoli II (Integrità u affidabbiltà tal-parametri referenzjarji), III (Rekwiżit għal tipi differenti ta' parametri referenzjarji), IV (Trasparenza u protezzjoni tal-konsumatur) u VI (Awtorizzazzjoni, Reġistrazzjoni u Superviżjoni tal-Amministraturi) (paragrafu 3 ġdid fl-Artikolu 2).

Fl-Artikolu 3(1), il-punt 26, hija emendata d-definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi parametru referenzjarju sinifikanti.

Sabiex tiġi ssalvagwardjata l-integrità tat-tikketta u tiġi prevista superviżjoni effettiva, l-amministraturi tal-Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi jew tal-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-BMR, irrispettivament mis-sinifikat tagħhom, bil-kundizzjoni li jiksbu awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni fl-UE.

F'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni adattat, ir-regoli speċjali ta' "deżinjazzjoni negattiva" għall-parametri referenzjarji tal-kambju u għall-parametri referenzjarji mhux sinifikanti huma żejda u jistgħu jitħassru.

Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi u Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE

Fl-Artikolu 19a, jiżdied paragrafu 4 ġdid biex tiġi ssalvagwardjata l-integrità tat-tikketta u tiġi prevista superviżjoni effettiva. L-amministraturi tal-Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi jew tal-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-BMR, irrispettivament mis-sinifikat tagħhom, bil-kundizzjoni li jiksbu awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni fl-UE.

Parametri referenzjarji sinifikanti

L-emendi għall-Artikolu 24 jiffurmaw il-qalba ta' din il-proposta. L-ewwel paragrafu tiegħu jirregola d-determinazzjoni ta' jekk parametru referenzjarju huwiex sinifikanti abbażi ta' limitu numeriku sempliċi: jekk tali parametri referenzjarji jintużawx bħala referenza għal assi li l-valur kumulattiv tagħhom huwa ta' aktar minn EUR 50 biljun.

L-Artikolu 24(2) jistabbilixxi l-obbligu, li jaqa' fuq l-amministraturi kollha tal-parametri referenzjarji użati mill-entitajiet taħt superviżjoni fl-UE, li jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta parametru referenzjarju wieħed jew diversi minnhom li jamministraw jaqbeż il-limitu tal-użu ta' EUR 50 biljun. Dan l-obbligu japplika għal amministratur li jinsab fl-Unjoni u għal amministratur li jinsab f'pajjiż terz. F'konformità mal-Artikolu 2(1) tal-BMR, il-limitu tal-użu għandu jiġi kkalkolat fuq l-użu ta' parametru referenzjarju fl-UE.

Ladarba tasal in-notifika, tali parametri referenzjarji jitqiesu bħala sinifikanti u jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli għal parametri referenzjarji sinifikanti (l-Artikolu 24a, il-paragrafu 1).

Skont l-Artikolu 24, awtorità nazzjonali kompetenti tista' tohog ukoll deċizzjoni li tiddikjara li parametru referenzjarju, li l-użu tiegħu fl-UE ma jaqbiżx EUR 50 biljun, jissodisfa l-kundizzjonijiet kwalitattivi għas-sinifikat stabbiliti fl-Artikolu 24, il-paragrafu 1, il-punt (b), fir-rigward tal-Istat Membru tagħha (“deżinjazzjoni tal-NCA”). Tali deżinjazzjonijiet għandhom jibqgħu limitati u għandhom ikunu mmotivati f’deċizzjoni motivata mill-awtorità kompetenti, li tistabilixxi f’termini ċari r-raġunijiet għaliex parametru referenzjarju huwa sinifikanti skont il-punt (b) f’ dak l-Istat Membru.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipubblikaw deċizzjonijiet dwar id-deżinjazzjoni, u l-ESMA għandha tiġbor id-deċizzjonijiet dwar id-deżinjazzjoni kollha maħruġa minnhom. Dan jippermetti lill-utenti jivverifikaw faċilment l-istatus tad-deżinjazzjoni tal-parametri referenzjarji li jkollhom il-ħsieb li jużaw. L-entitajiet taħt superviżjoni għandhom ikunu obbligati jikkonsultaw regolarment dawn is-sorsi biex jivverifikaw l-istatus tad-deżinjazzjoni ta’ kwalunkwe parametru referenzjarju li jkollhom il-ħsieb li jużaw.

Fl-Artikolu 24(6) hija stabbilita sistema parallela għad-deżinjazzjoni ta’ parametri referenzjarji mhux tal-UE bħala sinifikanti f’konformità mal-kriterji kwalitattivi. F’dan il-każ, ir-responsabbiltà tingħata lill-ESMA, li taġixxi fuq talba ta’ awtorità kompetenti waħda jew aktar. Il-kriterji kwalitattivi huma simili għal dawk għad-deżinjazzjoni tal-parametri referenzjarji tal-UE, kif inhuma wkoll il-miżuri biex tiġi żgurata t-trasparenza tad-deżinjazzjonijiet.

L-Artikolu 2 jipprevedi d-dħul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni. L-applikazzjoni ta’ dan l-att hija differita sal-1 ta’ Jannar 2026.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward tal-ambitu tar-regoli għall-parametri referenzjarji, l-użu fl-Unjoni ta' parametri referenzjarji pprovduti minn amministratori li jinsab f'pajjiż terz, u ċerti rekwiżiti ta' rapportar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew³⁵,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³⁶,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja³⁷,

Billi:

- (1) Ir-rekwiżiti ta' rapportar għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tal-monitoraġġ xieraq u fl-infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, huwa importanti li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop li għalih kienu maħsuba u biex jiġi llimitat il-piż amministrattiv.
- (2) Skont ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁸, l-amministraturi kollha ta' parametri referenzjarji, irrilevanti mir-rilevanza sistemika ta' dawk il-parametri referenzjarji jew mill-ammont ta' strumenti finanzjarji jew kuntratti li jużaw dawk il-parametri referenzjarji bħala rati ta' referenza jew bħala parametri referenzjarji tal-prestazzjoni, għandhom jikkonformaw ma' diversi rekwiżiti dettaljati ħafna, inkluż rekwiżiti dwar l-organizzazzjoni tagħhom, dwar il-governanza u l-kunflitti ta' interess, dwar il-funzjonijiet ta' sorveljanza, dwar id-*data* tal-input, dwar il-kodiċijiet ta' kondotta, dwar ir-rapportar ta' ksur, u dwar id-divulgazzjonijiet tad-dikjarazzjonijiet metodoloġiċi u ta' parametru referenzjarju. Dawk ir-rekwiżiti dettaljati ħafna poġġew piż regulatorju sproporzjonat fuq l-amministraturi ta'

³⁵ ĠU C , , p. .

³⁶ ĠU C , , p. .

³⁷ ĠU C , , p. .

³⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1).

parametri referenzjarji iżgħar fl-Unjoni meta jitqiesu l-għanijiet tar-Regolament (UE) 2016/1011, jiġifieri li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja u li jiġu evitati konsegwenzi ekonomiċi negattivi li jirriżultaw min-nuqqas ta' affidabbiltà tal-parametri referenzjarji. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas dak il-piż regolatorju billi ssir enfasi fuq dawk il-parametri referenzjarji bl-akbar rilevanza ekonomika għas-suq tal-Unjoni, jiġifieri l-parametri referenzjarji sinifikanti u ta' importanza kritika, u fuq dawk il-parametri referenzjarji li jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' politiki ewlenin tal-Unjoni, jiġifieri l-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi. Minħabba dik ir-raġuni, il-kamp ta' applikazzjoni tat-Titoli II, III, IV u VI tar-Regolament (UE) 2016/1011 jenħtieġ li jitnaqqas għal dawk il-parametri referenzjarji speċifiċi.

- (3) Skont l-Artikolu 18a tar-Regolament (UE) 2016/1011, il-Kummissjoni tista' teżenta ċerti parametri referenzjarji tal-kambju spot mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament biex tiżgura t-tkomplija tad-disponibbiltà tagħhom għall-użu fl-Unjoni. Fid-dawl tal-hteġa ta' enfasi riveduta u aktar ristretta tar-Regolament (UE) 2016/1011 dwar parametri referenzjarji ta' importanza kritika, parametri referenzjarji sinifikanti, Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi, ma għadx hemm hteġa tar-reġim ta' eżenzjoni speċifiku għall-parametri referenzjarji tal-kambju spot.
- (4) Skont l-Artikolu 19d tar-Regolament (UE) 2016/1011, l-amministraturi ta' parametri referenzjarji sinifikanti huma meħtieġa jagħmlu hilitom biex sal-1 ta' Jannar 2022 jipprovdu Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi. Peress li din id-data għaddiet, huwa xieraq li din id-dispożizzjoni titħassar.
- (5) Il-kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk parametru referenzjarju huwiex parametru referenzjarju sinifikanti bħalissa huma stabbiliti fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2016/1011. Il-parametri referenzjarji se jitqiesu bħala sinifikanti, fost l-oħrajn, meta jissodisfaw il-limitu stabbilit fl-Artikolu 24(1), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament.
- (6) L-amministraturi ta' parametri referenzjarji jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jimmonitorjaw l-użu fl-Unjoni tal-parametri referenzjarji li jipprovdu. Għalhekk jenħtieġ li jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti kkonċernata jew lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), skont fejn jinsab dak l-amministratur, li l-użu aggregat ta' wieħed mill-parametri referenzjarji tagħhom qabeż il-limitu stabbilit fl-Artikolu 24(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/1011. Sabiex jiġi żgurat li l-amministraturi ta' parametri referenzjarji jkollhom biżżejjed żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti li japplikaw għal parametri referenzjarji sinifikanti, jenħtieġ li jkunu soġġetti biss għal dawk ir-rekwiżiti fi żmien 60 jum tax-xogħol wara li jkunu ppreżentaw tali notifika. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-amministraturi ta' parametri referenzjarji jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jew lill-ESMA, fuq talba, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jivvalutaw l-użu aggregat ta' dak il-parametru referenzjarju fl-Unjoni. Meta amministratur ta' parametru referenzjarju jonqos jew jirrifjuta li jinnotifika li l-użu ta' wieħed mill-parametri referenzjarji tiegħu jkun qabeż il-limitu stabbilit fl-Artikolu 24(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/1011, u meta l-awtoritajiet kompetenti jkollhom raġunijiet ċari u dimostrabbli biex iqisu li l-limitu jkun inqabeż, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jew l-ESMA, kif xieraq, jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddikjaraw li l-limitu jkun inqabeż, wara li l-ewwel ikunu taw lill-amministratur l-opportunità li jinstema'. Tali dikjarazzjoni jenħtieġ li tiskatta l-istess obbligi għall-amministratur tal-parametru referenzjarju bħal notifika mill-amministratur tal-parametru referenzjarju. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju

għall-kapaċità tal-ESMA jew tal-awtoritajiet kompetenti li jimponu sanzjonijiet amministrattivi fuq dawk l-amministraturi li jonqsu milli jinnotifikaw li wieħed mill-parametri referenzjarji tagħhom ikun qabeż il-limitu applikabbli.

- (7) Is-swieq, il-prezzijiet u l-ambjent regolatorju jevolvu maż-żmien. Sabiex jitqiesu dawk l-evoluzzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tispeċifika ulterjorment il-metodoloġija li għandha tintuża mill-amministraturi u mill-awtoritajiet kompetenti biex jiġi kkalkolat il-valur totali tal-istrumenti finanzjarji, tal-kuntratti finanzjarji jew tal-fondi ta' investiment li jirreferu għal parametru referenzjarju.
- (8) Madankollu, f'każijiet eċċezzjonali, jista' jkun hemm parametri referenzjarji b'użu aggregat taħt il-limitu stabbilit fl-Artikolu 24(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/1011 li, minħabba s-sitwazzjoni speċifika fis-suq ta' Stat Membru, madankollu, huma ta' tali importanza għal dak l-Istat Membru li kwalunkwe nuqqas ta' affidabbiltà jkun ta' impatt komparabbli bħal dak ta' parametru referenzjarju li l-użu tiegħu jaqbeż dak il-limitu. Minħabba dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru tkun tista' tiddeżinja tali parametru referenzjarju, meta dak il-parametru referenzjarju jiġi pprovdut minn amministratur tal-UE, bħala sinifikanti abbażi ta' sett ta' kriterji kwalitattivi. Għall-parametri referenzjarji pprovduti minn amministratur mhux tal-UE, jenħtieġ li tkun l-ESMA li, fuq talba ta' awtorità kompetenti waħda jew aktar, tiddeżinja tali parametru referenzjarju bħala parametru referenzjarju sinifikanti.
- (9) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-koordinazzjoni tad-deżinjazzjonijiet nazzjonali tal-parametri referenzjarji bħala parametri referenzjarji sinifikanti, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti li jkollhom il-ħsieb li jaħtru parametru referenzjarju bħala sinifikanti jikkonsultaw lill-ESMA. Minħabba l-istess raġuni, awtorità kompetenti ta' Stat Membru li jkollha l-ħsieb li tiddeżinja bħala sinifikanti parametru referenzjarju li jiġi pprovdut minn amministratur li jkun jinsab fi Stat Membru ieħor jenħtieġ li tikkonsulta wkoll lill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru l-ieħor. Meta l-awtoritajiet kompetenti ma jaqblux bejniethom dwar min jenħtieġ li jiddeżinja u jissorvelja parametru referenzjarju, l-ESMA jenħtieġ li ssolvi dak in-nuqqas ta' qbil f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹.
- (10) Sabiex jiġi rrispettat id-dritt li wieħed jinstema', jenħtieġ li awtorità kompetenti jew l-ESMA, qabel ma tiddeżinja parametru referenzjarju bħala sinifikanti, tippermetti lill-amministratur ta' dak il-parametru referenzjarju jipprovdi kwalunkwe informazzjoni utli li hija rilevanti għad-deżinjazzjoni tiegħu.
- (11) Sabiex id-deżinjazzjoni ta' parametru referenzjarju bħala sinifikanti tkun trasparenti kemm jista' jkun, l-awtoritajiet kompetenti jew l-ESMA jenħtieġ li toħroġ deċiżjoni dwar id-deżinjazzjoni li jkun fiha r-raġunijiet għaliex dak il-parametru referenzjarju jitqies bħala sinifikanti. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jipubblikaw id-deċiżjoni dwar id-deżinjazzjoni fuq is-sit web tagħhom u jenħtieġ li jinnotifikaw dik id-deċiżjoni lill-ESMA. Minħabba l-istess raġunijiet, meta l-ESMA tiddeżinja parametru referenzjarju bħala sinifikanti fuq talba ta' awtorità kompetenti, l-ESMA jenħtieġ li tippubblika d-deċiżjoni dwar id-deżinjazzjoni fuq is-sit web tagħha u jenħtieġ li tinnotifika lill-awtorità kompetenti rikjedenti b'dan.

³⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

- (12) Il-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi huma kategoriji speċifiċi ta' parametri referenzjarji, definiti mill-konformità tagħhom ma' regoli li jirregolaw il-metodoloġija tagħhom u d-divulgazzjonijiet li għandu jagħmel l-amministratur tagħhom. Minħabba dik ir-raġuni, u biex jiġu pprevenuti asserzjonijiet li jistgħu jwasslu lill-utenti biex jaħsbu li tali parametri referenzjarji huma konformi mal-istandards marbuta ma' dawk it-tikketti, huwa meħtieġ li dawk il-parametri referenzjarji jiġu soġġetti għal reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni obbligatorja, kif xieraq, u għal superviżjoni.
- (13) Sabiex jiġi żgurat il-bidu f'waqtu tas-superviżjoni ta' parametri referenzjarji sinifikanti, jenħtieġ li l-amministraturi ta' parametri referenzjarji li jkunu saru sinifikanti jew billi jilhqnu l-limitu kwantitattiv applikabbli jew permezz ta' deżinjazzjoni, jintalbu jfittxu, fi żmien 60 jum tax-xogħol, awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni jew, fil-każ ta' parametri referenzjarji pprovduti minn amministratur li jinsab f'pajjiż terz, approvazzjoni jew rikonossiment.
- (14) Sabiex jiġu mmitigati r-riskji marbuta mal-użu ta' parametri referenzjarji li potenzjalment ma humiex sikuri għall-użu fl-Unjoni, u biex iwissu lil utenti potenzjali, l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA jenħtieġ li jkunu jistgħu joħorġu twissija fil-forma ta' avviż pubbliku li l-amministratur ta' parametru referenzjarju sinifikanti ma jikkonformax mar-rekwiżiti applikabbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-konformità mal-obbligu li l-amministratur tal-parametru referenzjarju jkun awtorizzat, irregiſtrat, approvat jew rikonossut, kif applikabbli. Ladarba tkun inħarġet tali twissija, l-entitajiet taħt superviżjoni jenħtieġ li ma jibqgħux ikunu jistgħu jżidu referenzi ġodda għal tali parametri referenzjarji jew kombinazzjoni ta' parametri referenzjarji. Bl-istess mod, biex jiġu pprevenuti r-riskji li jirriżultaw mill-użu ta' parametri referenzjarji li jsostnu l-konformità mat-tikketti tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u mat-tikketti tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi mingħajr ma jkunu soġġetti għal superviżjoni adegwata, l-entitajiet taħt superviżjoni jenħtieġ li la jkunu jistgħu jżidu referenzi ġodda għal Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi jew kombinazzjoni ta' tali parametri referenzjarji fl-Unjoni meta l-amministratur ta' dawk il-parametri referenzjarji ma jkunx inkluż fir-reġistru tal-ESMA tal-amministraturi u tal-parametri referenzjarji.
- (15) Sabiex jiġi evitat tfixkil potenzjalment eċċessiv fis-suq wara l-projbizzjoni tal-użu ta' parametru referenzjarju, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jew l-ESMA jkunu jistgħu jippermettu t-tkomplija tal-użu temporanju ta' tali parametru referenzjarju. Sabiex jiġi żgurat livell suffiċjenti ta' trasparenza u protezzjoni fir-rigward tal-investituri finali, l-utenti ta' dawk il-parametri referenzjarji li huma soġġetti għal twissija fil-forma ta' avviż pubbliku jenħtieġ li jidentifikaw alternattiva xierqa biex jissostitwixxu dawk il-parametri referenzjarji fi żmien 6 xhur wara l-pubblikazzjoni ta' dak l-avviż pubbliku, jew inkella jiżguraw li l-klijenti jiġu infurmati kif xieraq dwar in-nuqqas ta' parametru referenzjarju alternattiv.
- (16) Skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2016/1011, ir-rikonossiment ta' amministraturi ta' parametri referenzjarji li jinsabu f'pajjiż terz iservi bħala mezz temporanju ta' aċċess għas-suq tal-Unjoni sakemm tiġi adottata deċiżjoni dwar l-ekwivalenza mill-Kummissjoni. Madankollu, minħabba n-numru limitat ħafna ta' parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi koperti minn deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza, tali rikonossiment jenħtieġ li jsir mezz permanenti ta' aċċess għas-suq tal-Unjoni għal tali amministraturi ta' parametri referenzjarji.

- (17) Il-parametri referenzjarji koperti minn deċiżjoni dwar l-ekwivalenza jitqiesu li huma rregolati u ssorveljati b'mod ekwivalenti għall-parametri referenzjarji tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-obbligu li tintalab approvazzjoni jew rikonossiment ma japplikax għall-amministraturi ta' parametri referenzjarji sinifikanti li jinsabu f'pajjiż terz li jibbenefikaw minn deċiżjoni dwar l-ekwivalenza.
- (18) Fl-interess tat-trasparenza u biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, l-awtoritajiet kompetenti li jiddeżinjaw parametru referenzjarju bħala sinifikanti jenħtieġ li jispeċifikaw ir-restrizzjonijiet potenzjali fuq l-użu li jirriżultaw meta l-amministratur ta' tali parametru referenzjarju jonqos milli jiġi awtorizzat jew irreġistrat jew jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti ta' approvazzjoni jew rikonossiment, kif applikabbli.
- (19) Sabiex jiġu mmitigati r-riskji marbuta mal-użu ta' parametri referenzjarji sinifikanti taħt superviżjoni mhux adegwata, meta l-amministratur ta' parametru referenzjarju li jsir sinifikanti ma jfittix awtorizzazzjoni, reġistrazzjoni, rikonossiment jew approvazzjoni fit-terminu mogħti, jew meta l-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni, ir-rikonossiment jew l-approvazzjoni għal tali amministratur ta' parametru referenzjarju tfalli, jew meta amministratur jirtira l-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni, l-approvazzjoni jew ir-rikonossiment tiegħu, l-awtorità kompetenti jew l-ESMA, kif applikabbli, jenħtieġ li toħroġ avviż pubbliku li jiddikjara li l-parametri referenzjarji sinifikanti pprovduti minn dak l-amministratur ma humiex adatti għall-użu fl-Unjoni.
- (20) L-utenti ta' parametri referenzjarji jibbażaw fuq it-trasparenza fir-rigward tal-istatus regolatorju tal-parametri referenzjarji li jużaw jew li għandhom il-ħsieb li jużaw. Minħabba dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-ESMA telenka fir-reġistru tal-amministraturi u tal-parametri referenzjarji dawk il-parametri referenzjarji li huma soġġetti għall-aktar rekwiżiti dettaljati stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/1011, jew minħabba li l-użu tagħhom fl-Unjoni jaqbeż il-limitu stabbilit għal parametri referenzjarji sinifikanti, minħabba li jiġu ddiżinjati bħala sinifikanti minn superviżur nazzjonali jew mill-ESMA, jew minħabba li huma parametri referenzjarji ta' importanza kritika. Minħabba l-istess raġuni, jenħtieġ li l-ESMA telenka wkoll f'dak ir-reġistru l-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi pprovduti minn amministraturi li huma awtorizzati jew irreġistrati. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-ESMA telenka wkoll fir-reġistru l-parametri referenzjarji li għalihom awtorità kompetenti jew ESMA tkun ħarġet avviż pubbliku li jipprojbixxi l-użu ulterjuri ta' dak il-parametru referenzjarju. Sabiex jitnaqqas ulterjorment il-piż fuq l-utenti, jenħtieġ li din l-informazzjoni kollha ssir disponibbli faċilment fuq il-Punt ta' Access Uniku Ewropew (ESAP).
- (21) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għar-regoli introdotti skont dan ir-Regolament u biex jiġi evitat li l-amministraturi jkollhom jgħaddu minn proċedura għar-reġistrazzjoni jew għall-awtorizzazzjoni aktar minn darba, l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA jenħtieġ li jipprovdur proċeduri ta' applikazzjoni inqas onerużi għall-amministraturi li diġà huma awtorizzati, irreġistrati, approvati jew rikonossuti u li japplikaw għal awtorizzazzjoni, reġistrazzjoni, approvazzjoni jew rikonossiment għdid fi żmien sentejn mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju.
- (22) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA jingħataw iż-żmien meħtieġ biex jiġbru informazzjoni dwar parametri referenzjarji sinifikanti potenzjali u biex jadattaw l-infrastruttura eżistenti għall-qafas il-għdid propost skont dan ir-Regolament emendatorju, id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi differita.
- (23) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/1011 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 2016/1011

Ir-Regolament (UE) 2016/1011 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:
 - (a) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. It-Titoli II, III, IV u VI japplikaw biss fir-rigward ta’ parametri referenzjarji ta’ importanza kritika, parametri referenzjarji sinifikanti, Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta’ Pariġi.”;
 - (b) fil-paragrafu 2, jitħassru l-punti (g) u (i);
- (2) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:
 - (a) jitħassar il-punt (22a);
 - (b) jitħassar il-punt (27);
- (3) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:
 - (a) fil-paragrafu 5, it-tieni subparagrafu, titħassar l-aħħar sentenza;
 - (b) jitħassar il-paragrafu 6;
- (4) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:
 - (a) fil-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu, titħassar l-aħħar sentenza;
 - (b) jitħassar il-paragrafu 6;
- (5) l-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:
 - (a) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, titħassar l-aħħar sentenza;
 - (b) jitħassar il-paragrafu 4;
- (6) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:
 - (a) fil-paragrafu 5, it-tieni subparagrafu, titħassar l-aħħar sentenza;
 - (b) jitħassar il-paragrafu 6;
- (7) fit-Titolu III, it-titolu tal-Kapitolu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax”;
- (8) jitħassar l-Artikolu 18a;
- (9) fl-Artikolu 19a, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

“4. L-amministraturi li ma humiex awtorizzati jew irreġistrati skont l-Artikolu 34 ma għandhomx:

 - (a) jipprovdu Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta’ Pariġi;
 - (b) jindikaw jew jissuġġerixxu, f’isem il-parametri referenzjarji li jagħmlu disponibbli għall-użu fl-Unjoni jew fid-dokumentazzjoni legali jew tal-kummerċjalizzazzjoni għal dawk il-parametri referenzjarji, li l-parametri referenzjarji li jagħmlu disponibbli

jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli għall-forniment ta' Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew ta' Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi.”;

(10) jitħassar l-Artikolu 19d;

(11) l-Artikolu 24 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 24

Parametri referenzjarji sinifikanti

1. Parametru referenzjarju li ma huwiex parametru referenzjarju ta' importanza kritika għandu jkun sinifikanti meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-parametru referenzjarju jintuża direttament jew indirettament f'kombinazzjoni ta' parametri referenzjarji fl-Unjoni bħala referenza għal strumenti finanzjarji jew kuntratti finanzjarji jew għall-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment, li jkollhom valur medju totali ta' mill-inqas EUR 50 biljun abbażi tal-firxa kollha ta' maturitajiet jew termini tal-parametru referenzjarju, meta jkun applikabbli, fuq perjodu ta' 6 xhur;

(b) il-parametru referenzjarju jiġi ddiżinjat bħala sinifikanti f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 3, 4 u 5 jew il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 6.

2. Amministratur għandu jinnotifika minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsab jew, jekk jinsab f'pajjiż terz, lill-ESMA, meta parametru referenzjarju wieħed jew diversi minnhom ta' dak l-amministratur jaqbu l-limitu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a). Wara li tirċievi dik in-notifika, l-awtorità kompetenti jew l-ESMA, kif xieraq, għandha tippubblika dikjarazzjoni fuq is-sit web tagħha li tiddikjara li dak il-parametru referenzjarju huwa sinifikanti.

Amministratur għandu, fuq talba, jipprovdi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun jinsab jew, jekk ikun jinsab f'pajjiż terz, lill-ESMA, b'informazzjoni dwar jekk il-limitu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a) ikunx inqabeż b'mod effettiv.

Meta awtorità kompetenti jew, fil-każ ta' amministratur ta' pajjiż terz, l-ESMA, ikollha raġunijiet ċari u dimostrabbli biex tikkunsidra li parametru referenzjarju jaqbeż il-limitu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), l-awtorità kompetenti jew l-ESMA tista' toħroġ avviż li jiddikjara dak il-fatt. Tali avviż għandu jiskatta l-istess obbligi għall-amministratur tal-parametru referenzjarju bħal notifika kif imsemmi fil-paragrafu 2. Mill-inqas 10 ijiem tax-xogħol qabel ma toħroġ tali avviż, l-awtorità kompetenti jew l-ESMA għandha tinforma lill-amministratur tal-parametru referenzjarju kkonċernat bis-sejbiet tiegħu, u tistieden lil dak l-amministratur jissottometti kwalunkwe osservazzjoni.

3. Awtorità kompetenti tista', wara li tkun ikkonsultat lill-ESMA f'konformità mal-paragrafu 4 u filwaqt li tqis il-parir tagħha, tiddeżinja parametru referenzjarju pprovdut minn amministratur li jinsab fl-Unjoni li ma jissodisfax il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (a), bħala sinifikanti meta dak il-parametru referenzjarju jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-parametru referenzjarju ma għandu l-ebda sostitut jew ftit li xejn sostituti xierqa mmexxija mis-suq;

(b) fil-każ li l-parametru referenzjarju ma jibqax jiġi pprovdut, jew jiġi pprovdut abbażi ta' *data* tal-input li ma tibqax rappreżentattiva b'mod sħiħ tas-suq jew tar-realtà ekonomika sottostanti jew abbażi ta' *data* tal-input mhux affidabbli, ikun hemm impatti sinifikanti u avversi fuq l-integrità tas-suq, l-istabbiltà finanzjarja, il-konsumaturi, l-ekonomija reali, jew il-finanzjament ta' unitajiet domestiċi u negozji fi Stat Membru wieħed jew aktar;

(c) il-parametru referenzjarju ma jkunx ġie ddiżinjat minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor.

Meta awtorità kompetenti tikkonkludi li parametru referenzjarju jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti għandha tneġġi abbozz ta' deċiżjoni biex il-parametru referenzjarju jiġi ddiżinjat bħala sinifikanti u tinnotifika dak l-abbozz ta' deċiżjoni lill-amministratur ikkonċernat u lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-amministratur, meta dan ikun rilevanti. L-awtorità kompetenti kkonċernata għandha tikkonsulta wkoll lill-ESMA dwar l-abbozz ta' deċiżjoni.

L-amministraturi kkonċernati u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-amministratur għandu jkollhom 15-il jum tax-xogħol mid-data tan-notifika tal-abbozz tad-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti deżinjanti kkonċernata biex jipprovdur osservazzjonijiet u kummenti bil-miktub. L-awtorità kompetenti deżinjanti kkonċernata għandha tinforma lill-ESMA dwar l-osservazzjonijiet u l-kummenti li tirċievi u għandha tikkunsidra kif xieraq daww l-osservazzjonijiet u l-kummenti qabel ma tadotta deċiżjoni finali.

L-awtorità kompetenti deżinjanti għandha tinnotifika lill-ESMA bid-deċiżjoni tagħha, u tippubblika d-deċiżjoni, inklużi r-raġunijiet li għalihom tkun ittieħdet u l-konsegwenzi ta' din id-deżinjazzjoni, fuq is-sit web tagħha mingħajr dewmien żejjed.”;

4. Meta tiġi kkonsultata minn awtorità kompetenti dwar id-deżinjazzjoni maħsuba ta' parametru referenzjarju bħala sinifikanti f'konformità mal-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, l-ESMA għandha, fi żmien 3 xhur, toħroġ parir li jqis il-fatturi li ġejjin, fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tal-parametru referenzjarju kkonċernat:

(a) jekk l-awtorità kompetenti ta' konsultazzjoni tkunx issostanzjat biżżejjed il-valutazzjoni tagħha li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huma ssodisfati;

(b) jekk, fil-każ li l-parametru referenzjarju ma jibqax jiġi pprovdut, jew jiġi pprovdut abbażi ta' *data* tal-input li ma tibqax rappreżentattiva b'mod sħiħ tas-suq jew tar-realtà ekonomika sottostanti jew li ma tkunx affidabbli, ikunx hemm impatti sinifikanti u avversi fuq l-integrità tas-suq, l-istabbiltà finanzjarja, il-konsumaturi, l-ekonomija reali, jew il-finanzjament ta' unitajiet domestiċi u negozji fi Stati Membri għajr l-Istat Membru tal-awtorità kompetenti ta' konsultazzjoni.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-ESMA għandha tqis, meta rilevanti, l-informazzjoni pprovduta mill-awtorità ta' konsultazzjoni skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3.

5. Meta l-ESMA ssib li parametru referenzjarju jissodisfa l-kundizzjonijiet skont il-paragrafu 3, l-ewwel paragrafu, il-punti (a) sa (c), f'aktar minn Stat Membru wieħed, hija għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri

kkonċernati b'dan. Dawn għandhom jaqblu dwar min minnhom jiddeżinja l-parametru referenzjarju kkonċernat bħala parametru referenzjarju sinifikanti.

Meta l-awtoritajiet kompetenti ma jaqblux dwar il-kwistjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, huma għandhom jirreferu l-kwistjoni lill-ESMA, l-ESMA għandha ssolvi dak in-nuqqas ta' qbil f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

6. L-ESMA tista', fuq talba ta' awtorità kompetenti, tiddeżinja parametru referenzjarju pprovdut minn amministratur li jinsab f'pajjiż terz li ma jissodisfax il-limitu stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (a), bħala sinifikanti meta dak il-parametru referenzjarju jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) il-parametru referenzjarju ma għandu l-ebda sostitut jew ftit li xejn sostituti xierqa mmexxija mis-suq;

- (b) fil-każ li l-parametru referenzjarju ma jibqax jiġi pprovdut, jew jiġi pprovdut abbażi ta' *data* tal-input li ma tibqax rappreżentattiva b'mod sħiħ tas-suq jew tar-realtà ekonomika sottostanti jew li ma tkunx affidabbli, ikun hemm impatti sinifikanti u avversi fuq l-integrità tas-suq, l-istabbiltà finanzjarja, il-konsumaturi, l-ekonomija reali, jew il-finanzjament ta' unitajiet domestiċi u negozji fi Stat Membru wieħed jew aktar.

L-ESMA għandha, qabel id-deċiżjoni dwar id-deżinjazzjoni u mill-aktar fis possibbli, tinforma lill-amministratur tal-parametru referenzjarju bl-intenzjoni tagħha, u tistieden lil dak l-amministratur jipprovidi lill-ESMA fi żmien 15-il jum tax-xogħol dikjarazzjoni motivata li jkun fiha kwalunkwe informazzjoni rilevanti għall-finijiet tal-valutazzjoni relatata mad-deżinjazzjoni tal-parametru referenzjarju bħala sinifikanti.

Meta jkun applikabbli, l-ESMA għandha tistieden, mill-aktar fis possibbli, lill-awtorità kompetenti tal-ġuriżdiżjoni fejn jinsab l-amministratur biex tipprowdi kwalunkwe informazzjoni rilevanti għall-finijiet tal-valutazzjoni relatata mad-deżinjazzjoni tal-parametru referenzjarju.

L-ESMA għandha timmotiva kwalunkwe deċiżjoni dwar id-deżinjazzjoni, filwaqt li tqis jekk hemmx biżżejjed evidenza li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu huma ssodisfati, fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tal-parametru referenzjarju kkonċernat.

L-ESMA għandha tippubblika d-deċiżjoni motivata tagħha fuq is-sit web tagħha u għandha tinnotifika lill-awtorità jew lill-awtoritajiet kompetenti rikjedenti mingħajr dewmien żejjed.

7. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 49 biex tispeċifika ulterjorment il-metodu ta' kalkolu li għandu jintuża biex jiġi ddeterminat il-limitu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a) ta' dan l-Artikolu fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq, tal-prezzijiet u dawk regolatorji.

(12) jiddaħħal l-Artikolu 24a li ġej:

“Artikolu 24a

Rekwiżiti għall-amministraturi ta' parametri referenzjarji sinifikanti

- (1) Fi żmien 60 jum tax-xogħol wara n-notifika msemija fl-Artikolu 24(2), l-amministratur ta' parametru referenzjarju li jissodisfa l-kriterju msemmi fil-paragrafu (1), il-punt (a), ta' dak l-Artikolu, għandu jfittex awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun jinsab. Meta dak l-amministratur ikun jinsab f'pajjiż terz u sakemm il-parametru referenzjarju kkonċernat ma jkunx kopert minn deċiżjoni dwar l-ekwivalenza adottata skont l-Artikolu 30, dak l-amministratur għandu, fi żmien 60 jum tax-xogħol wara n-notifika msemija fl-Artikolu 24(2), ifittex waħda minn dawn li ġejjin:
 - (a) rikonoxximent mal-ESMA skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 32;
 - (b) approvazzjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 33.
- (2) Fi żmien 60 jum tax-xogħol wara deżinjazzjoni msemija fl-Artikolu 24(3), l-amministratur tal-parametru referenzjarju kkonċernat, sakemm dak l-amministratur ma jkunx diġà awtorizzat jew irreġistrat, għandu jfittex awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni mal-awtorità kompetenti deżinjanti f'konformità mal-Artikolu 34.
- (3) Fi żmien 60 jum tax-xogħol wara deżinjazzjoni msemija fl-Artikolu 24(6), l-amministratur tal-parametru referenzjarju kkonċernat, sakemm il-parametru referenzjarju kkonċernat ma jkunx kopert minn deċiżjoni dwar l-ekwivalenza adottata skont l-Artikolu 30, għandu jfittex waħda minn dawn li ġejjin:
 - (a) rikonoxximent mal-ESMA skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 32;
 - (b) approvazzjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 33.
- (4) L-ESMA jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu użu mis-setgħat superviżorji u ta' sanzjoni li huma fdati lilhom skont dan ir-Regolament biex jiżguraw li l-amministraturi rilevanti jikkonformaw mal-obbligi tagħhom.
- (5) L-awtorità kompetenti jew l-ESMA għandha toħroġ avviż pubbliku li jiddikjara li parametru referenzjarju sinifikanti pprovdut minn amministratur ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament u li l-utenti jenħtieġ li joqogħdu lura milli jużaw dak il-parametru referenzjarju meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) fi żmien 60 jum tax-xogħol wara n-notifika msemija fl-Artikolu 24(2), id-deżinjazzjoni msemija fl-Artikolu 24(3) jew id-deżinjazzjoni msemija fl-Artikolu 24(6), l-amministratur ikkonċernat ma jkunx beda proċeduri biex jikkonforma mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;
 - (b) il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, reġistrazzjoni, rikonoxximent jew approvazzjoni jkunu f'fall;
 - (c) l-ESMA tkun irtirat ir-reġistrazzjoni tal-amministratur f'konformità mal-Artikolu 31;
 - (d) l-ESMA tkun irtirat jew issospendiet ir-rikonoxximent tal-amministratur ikkonċernat f'konformità mal-Artikolu 34(6);
 - (e) l-approvazzjoni tal-amministratur ikkonċernat tkun waqfet;
 - (f) l-awtorità kompetenti tkun irtirat jew issospendiet l-awtorizzazzjoni jew ir-reġistrazzjoni tal-amministratur ikkonċernat.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA bl-avviżi pubbliċi kollha maħruġa mingħajr dewmien żejjed. L-ESMA għandha tippubblika l-avviżi pubbliċi kollha maħruġa fuq is-sit web tagħha. L-ESMA jew l-awtorità kompetenti għandha tneħħi l-avviż pubbliku mingħajr dewmien żejjed malli r-raġuni li għaliha jkun inħareġ ma tibqax valida.

(13) fit-Titolu III, jitħassar il-Kapitolu 6;

(14) l-Artikolu 29 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Użu ta’ parametri referenzjarji sinifikanti, Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta’ Pariġi”;

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Entità taħt superviżjoni ma għandhiex iżżid referenzi ġodda għal parametru referenzjarju sinifikanti jew kombinazzjoni ta’ tali parametri referenzjarji fl-Unjoni meta dak il-parametru referenzjarju jew kombinazzjoni ta’ parametri referenzjarji tkun is-suġġett ta’ avviż pubbliku maħruġ mill-ESMA jew minn awtorità kompetenti f’konformità mal-Artikolu 24a(5). Entità taħt superviżjoni ma għandhiex iżżid referenzi ġodda għal Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew għal Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta’ Pariġi jew kombinazzjoni ta’ tali parametri referenzjarji fl-Unjoni meta l-amministratur ta’ dawk il-parametri referenzjarji ma jkunx inkluż fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 36.

L-entitajiet taħt superviżjoni għandhom jikkonsultaw b’mod regolari mal-Punt ta’ Access Uniku Ewropew (ESAP) kif imsemmi fl-Artikolu 28a, jew mar-reġistru tal-ESMA kif imsemmi fl-Artikolu 36, biex jivverifikaw l-istatus regolatorju tal-amministraturi ta’ parametri referenzjarji sinifikanti, il-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew il-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta’ Pariġi li jkollhom il-ksieb li jużaw.

B’deroga mill-ewwel subparagrafu, l-ESMA jew l-awtorità kompetenti, kif xieraq, jistgħu jippermettu l-użu ta’ parametru referenzjarju soġġett għal avviż pubbliku maħruġ f’konformità mal-Artikolu 24a(5) għal perjodu ta’ 6 xhur wara l-pubblikazzjoni tal-avviż pubbliku, li jista’ jiġġedded darba, fejn meħtieġ biex jiġi evitat tfixkil serju fis-suq.”

(c) jiddaħħal paragrafu 1a ġdid:

“1a. Entità taħt superviżjoni li tuża parametru referenzjarju f’kuntratti finanzjarji jew fi strumenti finanzjarji eżistenti li huwa soġġett għal avviż pubbliku skont l-Artikolu 24a(5) għandha tissostitwixxi dak il-parametru referenzjarju b’alternattiva xierqa fi żmien 6 xhur wara l-pubblikazzjoni ta’ dak l-avviż, jew toħroġ u tippubblika dikjarazzjoni fuq is-sit web tagħha li tinforma lill-klijenti dwar in-nuqqas ta’ alternattiva xierqa.”;

(15) l-Artikolu 32 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 1;

(b) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

- “2. Amministratur li jinsab f’pajjiż terz li jkollu l-ħsieb li jikseb rikonoxximent kif imsemmi fl-Artikolu 24a(1) u (3) għandu jikkonforma ma’ dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 11(4) u l-Artikoli 16, 20, 21 u 23. L-amministratur li jinsab f’pajjiż terz jista’ jissodisfa dik il-kundizzjoni billi japplika l-prinċipji tal-IOSCO għall-parametri referenzjarji finanzjarji jew il-prinċipji tal-IOSCO għall-PRAs, kif applikabbli, dment li tali applikazzjoni tkun ekwivalenti għall-konformità ma’ dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 11(4), u l-Artikoli 16, 20, 21 u 23.

Meta tiddetermina jekk il-kundizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu hijiex issodisfata u tivvaluta l-konformità mal-prinċipji tal-IOSCO għall-parametri referenzjarji finanzjarji jew mal-prinċipji tal-IOSCO għall-PRAs, kif applikabbli, l-ESMA tista’ tqis:

- (a) valutazzjoni tal-amministratur li jinsab f’pajjiż terz minn awditur estern indipendenti;
- (b) ċertifikazzjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz fejn jinsab dak l-amministratur.

Meta, u sal-punt li, amministratur ta’ pajjiż terz ikun jista’ juri li parametru referenzjarju li jipprovdi jkun parametru referenzjarju ta’ *data* regolata jew parametru referenzjarju ta’ komodità li ma jkunx ibbażat fuq sottomissjonijiet minn kontributori li l-maġġoranza tagħhom ikunu entitajiet taħt superviżjoni, l-amministratur ma għandux ikun obligat jikkonforma mar-rekwiżiti li, skont l-Artikolu 17 u l-Artikolu 19(1), ma humiex applikabbli għall-forniment ta’ parametri referenzjarji ta’ *data* regolata u ta’ parametri referenzjarji ta’ komodità.

3. Amministratur li jinsab f’pajjiż terz li jkollu l-ħsieb li jikseb rikonoxximent għandu jkollu rappreżentant legali. Ir-rappreżentant legali għandu jkun persuna fiżika jew ġuridika li tinsab fl-Unjoni u espressament maħtura minn dak l-amministratur biex tagħxi f’isem dak l-amministratur fir-rigward tal-obbligi tal-amministratur taħt dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant legali għandu, flimkien mal-amministratur, iwettaq il-funzjoni ta’ sorveljanza relatata mal-forniment ta’ parametri referenzjarji mwettqa mill-amministratur fl-ambitu ta’ dan ir-Regolament u, f’dak ir-rigward, ikun responsabbli lejn l-ESMA.”;

- (c) fil-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Amministratur li jinsab f’pajjiż terz li jkollu l-ħsieb li jikseb rikonoxximent kif imsemmi fil-paragrafu 2 għandu japplika għal rikonoxximent mal-ESMA. L-amministratur applikant għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jissodisfa lill-ESMA li jkun stabbilixxa, fiż-żmien tar-rikonoxximent, l-arranġamenti kollha meħtieġa biex jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2 fir-rigward tal-parametru referenzjarju jew il-parametri referenzjarji tiegħu li jkunu ġew iddiżinjati f’konformità mal-Artikolu 24. Meta jkun applikabbli, l-amministratur applikant għandu jiddiżinja l-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz responsabbli mis-superviżjoni tiegħu.

Fi żmien 15-il jum tax-xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni, l-ESMA għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni hijiex kompluta u għandha tinnotifika lill-applikant kif xieraq. Meta l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-

applikant għandu jissottometti l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa mill-ESMA. Il-limitu ta' żmien imsemmi f'dan is-subparagrafu għandu japplika mid-data li fiha l-applikant ikun ipprova tali informazzjoni addizzjonali.”;

(16) l-Artikolu 34 huwa emendat kif ġej,

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Persuna fiżika jew ġuridika li tinsab fl-Unjoni li taġixxi jew li jkollha l-ħsieb li taġixxi bħala amministratur għandha tapplika mal-awtorità kompetenti ddiżinjata skont l-Artikolu 40 tal-Istat Membru fejn tkun tinsab dik il-persuna, sabiex tirċievi:

(a) awtorizzazzjoni meta tipprova jew ikollha l-ħsieb li tipprova indiċijiet li jintużaw jew li huma maħsuba biex jintużaw bħala parametri referenzjarji ta' importanza kritika, bħala parametri referenzjarji sinifikanti, bħala Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew bħala Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi;

(b) reġistrazzjoni meta tkun entità taħt superviżjoni, għajr l-amministratur, li tipprova jew ikollha l-ħsieb li tipprova indiċijiet li jintużaw jew li huma maħsuba biex jintużaw bħala parametri referenzjarji sinifikanti, bħala Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew bħala Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi, dment li l-attività tal-forniment ta' parametru referenzjarju ma tiġix ipprevenuta mid-dixxiplina settorjali li tapplika għall-entità taħt superviżjoni u li l-ebda wieħed mill-indiċijiet ipprovduti ma jikkwalifika bħala parametru referenzjarju ta' importanza kritika.”;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir fi żmien 30 jum tax-xogħol minn kwalunkwe ftehim li tagħmel entità taħt superviżjoni biex tuża indiċijiet ipprovdut mill-applikant bħala referenza għal strument finanzjarju jew kuntratt finanzjarju jew biex titkejjel il-prestazzjoni ta' fond ta' investiment, jew fil-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikolu 24a(2) u (3), kif applikabbli.”;

(17) fl-Artikolu 36(1), jiżdiedu l-punt (e) sa (j) li ġejjin:

“(e) il-parametri referenzjarji soġġetti għal dikjarazzjoni ppubblikata mill-ESMA jew minn awtorità kompetenti skont l-Artikolu 24(2), u l-iperlinks għal tali dikjarazzjonijiet;

(f) il-parametri referenzjarji soġġetti għal deżinjazzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti nnotifikati lill-ESMA skont l-Artikolu 24(4), u l-iperlinks għal tali deżinjazzjonijiet;

(g) il-parametri referenzjarji soġġetti għal deżinjazzjonijiet mill-ESMA, u l-iperlinks għal tali deżinjazzjonijiet;

(h) il-parametri referenzjarji soġġetti għal avviżi pubbliċi maħruġa mill-ESMA u mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 24a(5), u l-iperlinks għal tali avviżi pubbliċi.;

(i) il-lista ta' Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi disponibbli għall-użu fl-Unjoni;

- (j) il-lista ta' parametri referenzjarji ta' importanza kritika.”;
- (18) fl-Artikolu 41(1), jiżdiedu l-punti (k) u (l) li ġejjin:
- “(k) jiddeżinjaw parametru referenzjarju bħala sinifikanti skont l-Artikolu 24(3);
- (l) f'każ ta' raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta ksur ta' kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu 3A, jirrikjedu li amministratur jieqaf, għal perjodu massimu ta' 12-il xahar:
- (i) li jipprovdi Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi;
- (ii) li jirreferi għall-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi f'isem il-parametri referenzjarji li jagħmel disponibbli għall-użu fl-Unjoni, jew fid-dokumentazzjoni legali jew tal-kummerċjalizzazzjoni għal dawk il-parametri referenzjarji;
- (iii) li jirreferi għall-konformità mar-rekwiżiti applikabbli għall-forniment ta' tali parametri referenzjarji f'isem il-parametri referenzjarji li jagħmel disponibbli għall-użu fl-Unjoni, jew fid-dokumentazzjoni legali jew tal-kummerċjalizzazzjoni għal dawk il-parametri referenzjarji.”;
- (19) l-Artikolu 42 huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(a) kwalunkwe ksur tal-Artikoli 4 sa 16, tal-Artikoli 19a, 19b, 19c u 21, tal-Artikoli 23 sa 29 jew tal-Artikolu 34 meta japplikaw dawk l-Artikoli; u”;
- (b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej
- (i) fil-punt (g), il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(i) għall-ksur tal-Artikoli 4 sa 10, tal-Artikolu 11(1), il-punti (a), (b), (c) u (e), tal-Artikolu 11(2) u (3), tal-Artikoli 12 sa 16, tal-Artikolu 21, tal-Artikoli 23 sa 29 u tal-Artikolu 34, EUR 500 000 jew fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fil-31 ta' Diċembru 2023; jew”;
- (ii) fil-punt (h), il-punt (i) huwa sostitwit b'li ġej:
- “(i) għall-ksur tal-Artikoli 4 sa 10, tal-Artikolu 11(1), il-punti (a), (b), (c) u (e), tal-Artikolu 11(2) u (3), tal-Artikoli 12 sa 16, tal-Artikolu 21, tal-Artikoli 23 sa 29 u tal-Artikolu 34, jew EUR 1 000 000 jew, fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fil-31 ta' Diċembru 2023, jew 10 % tal-fatturat annwali totali tagħha skont l-aħħar kontijiet disponibbli approvati mill-korp maniġerjali, liema waħda tkun l-ogħla; jew”;
- (20) l-Artikolu 49 huwa emendat kif ġej:
- (a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:
- “2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 3(2), 13(2a), 19a(2), 19c(1), 20(6), 24(7), 27(2b), 33(7), 51(6) u 54(3) tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mit-30 ta' Ġunju 2024. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard mill-31

ta' Diċembru 2028. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiżta taċitament għal perjodi ulterjuri ta' durata identika, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

“3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikoli 3(2), 13(2a), 19a(2), 19c(1), 20(6), 24(7), 27(2b), 30(2a), 30(3a), 33(7), 48i(10), 48l(3), 51(6) u 54(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.”;

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(2), 13(2a), 19a(2), 19c(1), 20(6), 24(7), 27(2b), 30(2a), 30(3a), 33(7), 48i(10), 48l(3), 51(6) jew 54(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”.

(21) fl-Artikolu 51, jiddaħħal il-paragrafu 4c li ġej:

“4c. L-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA għandhom jiżguraw li l-amministraturi ta' parametri referenzjarji li kienu awtorizzati, irreġistrati, approvati jew rikonoxxuti fi [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju] jistgħu jibbenefikaw minn proċedura simplifikata meta japplikaw għar-reġistrazzjoni, għar-rikonoxximent, jew għall-approvazzjoni tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 24a(1), (2), jew (3), kif applikabbli, sa ... [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju + sentenja]”;

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President